Settembru 2018 • Vol 25 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



Fil-Paġni ta’ ġewwa:

- *Malta Police Precision Drill Team* ġewwa l-Olanda
- Ritratti – Jum il-Pulizija 2018
- Il-forka f’Malta u l-istejjer madwarha

U aktar…

Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Settembru 2018 • Vol 25 • Nru. 3
IL-PULIZIJA
Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt - Spettur Paul Camilleri

5. Editorjal
7. Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv
11. Dan l-aħħar...
14. Att ta' Ġenerożità
16. *Malta Police Precision Drill Team* ġewwa l-Olanda
20. *Internship* Programme Malta 2018
22. Punti bażiċi dwar l-Infurzar tat-Traffiku
26. It-twaqqif tal-PIU (Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fi ħdan il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
29. Attivitajiet marbuta mal-204 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija
37. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija
39. Avvenimenti u Informazzjoni
45. Kif tiżviluppa relazzjonijiet iktar b'saħħithom
46. Malta Police Association
48. Bilanċ bejn il-ħin tax-xogħol u l-familja
50. Paġna għat-Tfal
52. Il-Forka f'Malta u l-Istejjer Madwarha
56. Il-Marċ li ried isir
58. International Police Association - Malta
60. Malta Association of Retired Police Officers
62. Obitwarju

16


29


39


52


Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Editorjal

Bħalma ħafna minnkom jafu, l-uffiċċju tagħna (is-CMRU) huwa nkarigat mill-paġna ta' *Facebook* tal-Korp, li l-iskop inizzjali tagħha kien u għadu li permezz ta' dan il-mezz soċjali nsaħħu l-interazzjoni tal-Pulizija mal-pubbliku. Żgur li intom konxji li llum il-ġurnata, il-pubbliku sabu iżjed komdu li minn wara monitor jew mobile jibgħat ilment jew jirrapporta, kull darba li jħoss li ma kienx moqdi kif jistħoqqlu jew kif jippretendi.

U bħalma jiktbu *posts* ta' ftit tifħir u ħafna ilmenti fuq gruppi li nħolqu speċifikament għal dan l-iskop, aħna wkoll nirċievu tifħir u ġieli xi ilmenti mingħand il-pubbliku fuq *Facebook*. Ikun hemm każijiet mhux ġenwini, pero` jkun hemm oħrajn iġġustifikati u li bi ftit attenzjoni nistgħu nevitawhom, bħal preżempju nies li biex jagħmlu rapport ta' sempliċiment oġġett mitluf, nibagħtuhom minn Għassa għal oħra, fost affarijiet bażiċi oħra.

Kull distrett u branka għandu l-problemi tiegħu, min għax għandu nuqqas ta' nies, min għandu ħafna xogħol u min it-tnejn f'daqqa. L-obbligu tagħna huwa li nagħtu l-aqwa servizz possibli lil kulħadd, ma nagħmluhx għax illum iżjed minn qatt qabel faċli għall-pubbliku jwassal l-ilmenti tiegħu, jew għax iperriċna fuq il-midja soċjali, nagħmluh għax meta aħna stess inkunu fuq in-naħa ta' barra tal-Għassa jew tal-uffiċċju, inħabbtu għall-assistenza jew għall-parir, nippretendu bi dritt u hekk għandu jkun, l-aqwa servizz mingħand il-kollegi tagħna.

Fuq nota kompletament differenti, xtaqt nagħlaq billi ninfurmakom li f'din il-ħarġa għandna artiklu mill-iżjed interessanti miktub mill-Maġġur Joseph Borg; artiklu dwar l-istorja tal-forka, li ma xtaqtux jispiċċa. Saħħiet.

*L-Editur*

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

Għeżież kollegi,

Fil-ħarġa ta' din id-darba xtaqt inżommkom aġġornati bi żviluppi dwar proġetti li l-Korp qiegħed bħalissa jaħdem fuqhom u dan bil-għan li s-servizz mogħti liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kif ukoll lil dawk il-miljuni ta' turisti li jżuru pajjiżna matul is-sena jkun tal-ogħla kwalità.

Naturalment, dawn il-proġetti mhumiex possibbli li jitwettqu jekk mhux bl-impenn tal-gvern ċentrali li jalloka l-fondi għall-implimentazzjoni tagħhom. Tajjeb wieħed ifakkar li filwaqt li l-vot kapitali assenjat lill-Korp fl-2016 u fl-2017 kien jammonta għal €450,000, għal din is-sena l-Korp ingħata miljun ewro, jiġifieri aktar mid-doppju tas-snin ta' qabel. Nemmen li wara l-preżentazzjoni li tajna dan l-aħħar fil-Ministeru tal-Finanzi u li matulha elenkajna l-prijoritajiet tal-Korp għas-sena li ġejja wara konsultazzjoni interna, l-allokazzjoni tal-fondi ser tkompli tiżdied fis-sena li ġejja.

Ma jonqosx li parti sostanzjali tal-fondi mitluba għas-sena d-dieħla tkopri l-flotta tal-Korp, inkluż vetturi, muturi u nġenji kbar, fost oħrajn. Sal-aħħar ta' din is-sena però huwa ttamat li l-Korp ikun żied aktar muturi ġodda mal-flotta eżistenti tiegħu filwaqt li jkun qiegħed ikompli jgħammar lill-membri tat-Taqsima tat-Traffiku b'aktar apparat protettiv.

Apparti l-ħtieġa għal aktar investiment fil-flotta tiegħu, il-Korp huwa wkoll konxju mill-ħtieġa li jinvesti aktar f'apparat teknoloġiku, inkluż dak forensiku. Kien għalhekk li grazzi għal eżerċizzju li sar mit-Taqsima tal-ICT kif ukoll mil-Laboratorju Forensiku ġew stabbiliti l-prijoritajiet għas-sena d-dieħla f'dawn iż-żewġ oqsma. Għar-rigward il-Laboratorju Forensiku b'mod partikolari, il-Korp bħalissa jinsab f'taħditiet avvanzati sabiex jidentifika sit alternattiv u jfassal pjan għal bini ta' laboratorju ġdid. B'dan il-mod, il-Korp ikun qed jagħmel qabża fil-kwalità fl-investigazzjonijiet imwettqa minnu.



Bħalma ħafna minnkom huma konxji, bħalissa għaddej xogħol infrastrutturali f'żewġ *vaults* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija bil-għan li waħda mill-binjiet tilqa' fiha s-*Cyber Crime Unit* filwaqt li l-binja l-oħra ssir estensjoni għall-bini eżistenti tal-Laboratorju Forensiku. Fl-istess waqt huwa proġettat li fi żmien qasir jibda x-xogħol fuq il-bini ta' *Command and Control Room* ġdida fuq il-Laboratorju Forensiku.

Peress li l-ispazju fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija qiegħed kulma jmur isir aktar limitat in vista tan-natura diversa u aktar kumplessa ta' ħidmet il-pulizija, qegħdin bħalissa nesploraw possibilitajiet għal estensjoni tal-bini preżenti kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll f'postijiet ċentrali oħra, propjetà tal-Korp. Fil-frattemp il-Korp ħareġ sejħa ta' interess bil-għan li jevalwa l-possibilità li jikri spazju alternattiv sa ma jkun f'pożizzjoni li jestendi l-bini preżenti tiegħu.

Ġaladarba qed nitkellmu fuq proġetti infrastrutturali, tajjeb li wieħed ifakkar li fl-għassa ta' Bormla ser ikun qed isir xogħol estensiv li mhux biss jagħmilha possibbli li l-membri tal-Korp stazzjonati f'din l-għassa jaħdmu f'aktar kumdità, iżda wkoll sabiex il-klijenti tal-għassa jkunu jistgħu jinqdew b'mod aktar faċli. Fuq kollox, wara li f'April li għadda l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess għall-bini ta' għassa ġdida f'Marsaskala viċin il-knisja parrokkjali tal-lokalità, huwa ttamat li fi ftit taż-żmien ieħor id-Dipartiment

tal-Kuntratti jippubblika t-*tender* għall-bini ta' din l-istess għassa.

Apparti proġetti infrastrutturali, il-Korp bħalissa jinsab jaħdem qatigħ fuq inizjattivi ambizzjużi oħra, inkluż Strateġija ta' Trasformazzjoni. Wara l-pubblikazzjoni ta' *Preliminary Market Consultation document* f'April li għadda, numru sabiħ ta' operaturi renomati kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali ssottomettew l-interess tagħhom filwaqt li dawn indikaw *timeframes* għal tali proġett kif ukoll spejjeż relattivi. A bażi tal-informazzjoni riċevuta, il-Korp jinsab bħalissa f'konsultazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza bil-għan li t-tfassil ta' din l-istrateġija ambizzjuża tiġi ffinanzjata minn fondi Ewropej. Permezz tal-informazzjoni miġbura minn dan l-eżerċizzju rriżulta bl-aktar mod ċar li korpi oħra barranin ukoll ħassew il-ħtieġa għal trasformazzjoni u huma wkoll għaddew minn proċessi ta' mmodernizzar bl-assistenza ta' professjonisti f'dan il-qasam.

Dokumenti oħra simili ġew ippubblikati aktar riċenti fejn operaturi, din id-darba fil-qasam tat-tessuti, ġew mistiedna jagħtu s-suġġerimenti dwar materjal u disinji, fost oħrajn, għal uniformi aktar komda u prattika għall-membri tal-Korp. Infatti l-Korp ħareġ żewġ sejħiet f'dan ir-rigward, kemm għall-uniformi milbusa ta' kuljum, hekk imsejħa *working dress*, kif ukoll dik milbusa fiċ-ċerimonji, is-*ceremonial dress*. Konxju mill-esperjenza vasta ta' kull wieħed u waħda minnkom, ġentilment nitlobkom sabiex min għandu xi suġġerimenti x'jagħti kemm dwar l-uniformijiet kif ukoll suġġerimenti inġenerali, ikun jista' jgħaddihom permezz tal-indirizz elettroniku tiegħi angelo.gafa@gov.mt

Filwaqt li nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom u d-dedikazzjoni f'ħidmietkom, nawguralkom il-ħidma t-tajba.

DOMINE DIRIGE NOS

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU




Nhar is-17 ta' Lulju 2018, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar mar ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati sabiex jiltaqa' u jagħti kelmtejn ta' kuraġġ lill-grupp ta' ġuvintur u tfajliet li bdew kors sabiex jingħaqdu mal-Korp tal-Pulizija.

Fost id-diversi attivitajiet li jtuh l-iktar sodisfazzjon il-Kummissarju qal li din hija waħda minnhom. Sodisfazzjon meta jara żgħażagħ jagħżlu missjoni bħala karriera. Il-Kummissarju semma kif minkejja li jista' jkun hemm problemi bejnietna imma xorta dejjem bqajna magħqudin. "Aħna familja waħda," tenna l-Kummissarju u dan urejnieh biċ-ċar meta ġara l-każ tal-kollega Simon Schembri.

Bi tbissima l-Kummissarju ftakar f'meta 40 sena ilu beda l-karriera tiegħu fil-Korp. Huwa semma kif ir-reklutaġġ tiegħu bdieh fuq il-*bridge* tal-Pepsi għax hekk kif libes l-uniformi ntbagħat fuq il-lant tax-xogħol mill-ewwel. U huwa għalhekk li jieħu gost għall-fatt li r-reklutaġġ tal-lum għandu programm imfassal li ħa jipprepara lir-rekluti għax-xogħol.

Il-parir li tagħhom il-Kummissarju huwa fuq l-importanza li jaħdmu flimkien, "Aħdmu ma' grupp u qatt weħidkom għax tbatu". Inkuraġġihom għal meta jiġu dawk il-mumenti li jħossuhom ħa jaqtgħu qalbhom u spjegalhom kif dawk huma sitwazzjonijiet li kulħadd jgħaddi minnhom u li żgur jissuperaw.

Filwaqt li awguralhom mill-qalb, il-Kummissarju wera x-xewqa tiegħu li hekk kif qed jindirizza 79 rekluta, dakinhar taċ-ċerimonja tal-ħatra ħa jieħu mill-akkademja 79 kuntistabbli. Il-Kmandant tal-Akkademja s-Sur Joseph Cachia għalaq din il-laqgħa billi wiegħed lill-Kummissarju li l-istaff kollu tal-Akkademja ħa jagħmel ħiltu sabiex il-Korp ikollu 79 kuntistabbli mill-aqwa.

---

Fis-26 ta' Lulju 2018, 19-il Spettur; is-Sur Angelo Gafà, is-Sur George Cremona, is-Sur Raymond Cassar, is-Sinjura Louise Calleja, is-Sur Anthony Agius, is-Sur Mario Haber, is-Sur Victor Aquilina, is-Sur Joseph Hersey, is-Sinjura Maria Stella Attard, is-Sur Raymond Aquilina, is-Sur Josric Mifsud, is-Sur Antonovich Muscat, is-Sinjura Denise Miruzzi Mula, is-Sinjura Silvana Zrinzo Azzopardi, is-Sur Jesmond Borg, is-Sur Maurice Curmi, is-Sur Christopher P. Galea Scannura, is-Sinjura Edel Mary Camilleri u s-Sur Johann Joseph Fenech ingħataw il-ħatra ta' Supretendent f'ċerimonja fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Din iċ-ċerimonja tmexxiet mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr. Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar kif ukoll il-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà.

Il-Kummissarju, qal li l-ħatriet saru skont ir-ristrutturar tal-Korp. Filwaqt li awguralhom għal din il-ħatra huwa saħaq li l-Korp għandu jaħdem bħala tim u li hu jagħtihom l-appoġġ kollu tiegħu.

Il-Ministru fid-diskors tiegħu qal li din il-kariga ġġib magħha iktar responsabbiltà u jridu jerfgħu fuq spallejhom l-obbligu ta' koordinament mas-superjuri tagħhom u ma' dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Il-Ministru kkonkluda billi awguralhom fil-kariga l-ġdida tagħhom u rringrazzja lill-membri kollha tal-Korp għas-servizz tagħhom kif ukoll lill-familjari tagħhom għas-sagrifiċċji li jagħmlu u għas-sapport li jagħtuhom.

charlene.camilleri@gov.mt



**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Att ta’ Ġenerożità

minn WPC 25 Charlene Cilia – CMRU

Din id-darba l-att ta’ ġenerożità ħadna ġewwa r-*Rapid Intervention Unit*, fejn membru tal-familja ta' eks kollega tagħna kien u jinsab għaddej minn marda. Jaydon Ciangura tifel ta’ 9 snin, simpatiku u mimli pożittività għadu kif għadda minn diversi operazzjonijiet ġewwa l-Amerika sabiex ikun jista’ jimxi u anki jkollu iktar indipendenza f’ħajtu.



Iltqajna ma’ Jaydon kif ukoll mannannu tiegħu s-Sur Alfred Ciangura nhar is-26 ta’ Ġunju 2018 ġewwa Ta’ Kandja fejn l-Assistent Kummissarju Nezren Grixti, l-Ispettur Edmond Cuschieri u l-Ispettur Antoine Cilia ppreżentaw somma ta’ madwar €1,020 li nġabru mill-membri tar-*Rapid Intervention Unit* sabiex jgħinu ftit fl-ispejjeż li l-familja għaddejja minnhom sabiex Jaydon ikun jista’ jkollu ħajja aħjar.

Minkejja dak li għadda u għadu għaddej minnu, Jaydon pożittiv ħafna. Il-ħolma tiegħu hija li jkun jista’ jimxi u jilgħab bħal tfal oħra. Bħal ħafna subien iħobb ħafna dak li għandu x’jaqsam mal-Pulizija, u dan mill-ewwel urieh għax wiċċu xegħel kif ra l-uniformi.  Qalilna li z-ziju tiegħu li għal xi żmien kien pulizija kien iħobb jirrakkuntalu xi avventura li kien jiltaqa’ magħha waqt il-ħin tax-xogħol.

Meta ltqajna ma’ Jaydon, dakinhar stess billejl kellu jibda l-vjaġġ tiegħu lejn l-Amerika u llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li t-tliet operazzjonijiet li sarulu kienu suċċess u Jaydon għamel ħafna progress.

Ix-xewqa ta’ kulħadd hija li Jaydon jimxi u jgħix ħajja kemm jista’ jkun normali.

Kuraġġ Jaydon...it-tbissima ħelwa tiegħek u l-karattru ferrieħi li għandek jgħallimna naraw il-ħajja mill-att pożittiv.

Proset ukoll lill-kollegi tagħna tar-*Rapid Intervention Unit* għall-ġenerożità li wrew ma’ Jaydon u l-familja tiegħu.

magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# *Malta Police Precision Drill Team* ġewwa l-Olanda

Mill-Ispettur Justin Camilleri – Kmandant *Malta Police Precision Drill team*

F'isem il-*Malta Police Precision Drill Team* tal-Korp tal-Pulizija, huwa ta' sodisfazzjon għalija li ġejt mistieden mill-editorjal ta' dan il-magażin biex permezz ta' dan l-artiklu naqsam magħkom ilkoll l-esperjenza sabiħa li għadda minnha t-tim immexxi minni. Dan meta ġejna mistiedna nżuru l-Olanda għall-okkażjoni tal-'Veiligheidsdag 2018', li tfisser *Health and Safety Day* fil-belt hekk sabiħa ta' Almere, l-Olanda, bejn it-23 u t-28 ta' Mejju 2018.

Din il-ħolma nibtet propju madwar sena ilu, meta l-Konslu Onorarju għal Malta fl-Olanda s-Sur Eric Da Haan, wera' x-xewqa tiegħu li d-*Drill Team* tagħna jitla' ġewwa l-Olanda. Ta' min isemmi li d-*Drill Team* kien diġà żar dan il-pajjiż f'Mejju tal-1998 fejn dakinhar, taħt it-tmexxija tas-Surġent, illum Assistent Kummissarju s-Sur Stephen Mallia, kien mistieden biex jipparteċipa fl-okkażjoni tas-750 sena anniversarju mit-twaqqif tal-belt ta' The Hague.

Is-Sur Da Haan dakinhar kien ukoll involut, peress li kien il-koordinatur bejn it-tim tagħna u l-awtoritajiet Olandiżi u kien akkumpanjana tista' tgħid fil-ħin kollu li t-tim dam ġewwa dan il-pajjiż. Allura fi kliem is-Sur Da Haan stess, kienet tkun xi ħaġa sabiħa li wara għoxrin sena, it-tim jerġa' jżur dan il-pajjiż pittoresk.

M'hemmx għalfejn wieħed isemmi li wara li saret stedina uffiċjali mis-Sindku ta' Almere s-Sur Franc Weerwind, li l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar għoġbu jilqa' b'mod immedjat, kien hemm bżonn li jiġu ppreparati diversi dokumenti dwar il-membri tat-tim u aktar u aktar dwar l-azzarini u l-munizzjon li kellu jiġi esportat għal din il-mawra.

Kien hemm ukoll bżonn ta' preparamenti kbar dwar il-loġistika u s-sigurtà, speċjalment kif diġà għidt peress li dan it-traġitt kien jinvolvi wkoll l-armi tan-nar. Minħabba l-fatt illi xi membri tat-tim kellhom impenji familjari li kienu fl-istess żmien ta' din is-safra, kellhom ukoll jiġu ingaġġati u mħarrġa membri ġodda biex jingħaqdu mat-tim.


Police Precision Drill Team
Police Headquarters
St. Calcedonius Square
Floriana FRN 1810
Malta

Almere, The Netherlands,
May 28th, 2018

Members of the Malta Police Precision Drill Team,

I would like to personally thank each and every one of you for your commitment in ensuring a successful visit to the Netherlands. It has been an honour for me to coordinate this special visit and your participation at this year's National Safety Day in Almere.

Many of those present in Almere have commented on the team's skill, determination and commitment and on your execution of a flawless performance. The work that goes into each manoeuvre and your own individual talents stood out clearly during your performance.

The past days have served as a demonstration of the positive effects of successful cooperation and a fitting follow-up to the 1998 visit by the then Silent Drill Team. I shall treasure these memories as a symbol of our personal cooperation as well as that between Malta and the Netherlands.

Whilst hoping to welcome you again in the future, I would like to thank you once again for your visit to the Netherlands and for your participation at the Almere National Safety Day.

Sincerely,

HONORARY CONSUL FOR MALTA
ALMERE

E. (Eric) de Haan
Honorary Consul for the Republic of Malta
in the Kingdom of The Netherlands

Fix-xhur ta' qabel, ġew ukoll organizzati diversi laqgħat biex il-membri tat-tim ikunu dejjem aġġornati dwar il-progress tal-istedina kif ukoll biex jiġi diskuss dak li hemm bżonn isir biex din il-mawra tkun suċċess, kemm għalina personali, għat-tim innifsu imma fuq kollox għall-Korp tal-Pulizija b'mod ġenerali.

Waslet il-ġurnata tant mistennija fejn kmieni filgħodu l-membri kollha tat-tim iltqajna ġewwa l-ajruport ta' Malta biex tibda din l-avventura. Wara li ġew ivverifikati d-dokumenti, l-armi u l-munizzjon kollu, malajr sibna ruħna fuq l-ajruplan tal-Airmalta li fi tliet sigħat wassalna sal-ajruport ta' Schipol, Amsterdam.

Mal-wasla tagħna sibna tistenniena *coach* li ħaditna lejn il-lukanda fiċ-ċentru tal-belt ta' Almere u wara li ġejna milqugħa mill-*Manager* tal-Lukanda, ħallejna l-bagalji tagħna hemm u morna mixja madwar din il-belt ultra moderna. Ta' min jgħid li din il-belt hi mibnija fuq art reklamata u bdiet tinbena f'nofs is-snin sebgħin. Għalhekk wieħed jista' jimmaġina kif din il-belt ġiet mibnija għall-esiġenzi kurrenti. Imxejna

wkoll sal-post li kien ser ikun qed jintuża bħala *parade ground* bl-isem 'Esplanade' biex b'hekk ħadna idea ta' kif ser issir il-parata.

Aktar tard filgħaxija, kellna ikla uffiċjali li għaliha attendew is-Sindku ta' Almere, is-Sur Franc Weerwind, il-konslu s-Sur Eric Da Haan, Uffiċjali għolja tal-Pulizija Olandiża u ovvjament il-kontinġent Malti kollu mmexxi mill-Kummissarju nnifsu. Matul din l-ikla sar diskors tal-okkażjoni kemm mis-Sindku ta' Almere, kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta. Ġew ukoll skambjati xi rigali bħala tifkira tal-okkażjoni.

Fit-tieni ġurnata, żorna l-belt ta' The Hague kif ukoll il-bajja ta' Scheviningen u wara nofsinhar morna ġewwa 'IBT Centrum Politie' li hi Akkademja tal-Pulizija li fiha jsir taħriġ bħal sparar, *unarmed combat*, użu ta' apparat tal-pulizija bħat-taser u lembuba. Hemhekk it-tim għamel ukoll sessjoni sħiħa ta' taħriġ.

It-tielet ġurnata kienet ukoll mimlija daqs bajda u bdejnieha billi erġajna morna fil-faċilità msemmija biex hemmhekk ġie spjegat lilna t-taħriġ li jsir lir-rekluti kif ukoll lill-membri attivi tal-Korp tal-Pulizija f'din in-naħa tal-Olanda. Il-membri tat-tim ingħataw ukoll l-opportunità li jagħmlu taħriġ bl-apparat li jintuża mill-Pulizija Olandiża. Fost dawn kellna l-okkażjoni li nużaw armi 'simunition' li tagħtik l-opportunità li tħoss dak li jiġri fir-realtà kemm-il darba wieħed jiġi bżonn li jużа' arma tan-nar. Din is-sistema li biha l-armi li jkunu eżatt bħal dawk reali, jisparaw bżieżaq żgħar bil-kulur, u li jistgħu jiġu sparati fuq persuna miexja jew tiġri, wara li din tal-aħħar tkun libset il-bies protettiv. Ovvjament il-kulur iħalli marka fuq dan l-ilbies protettiv biex wara wieħed ikun jista' jevalwa r-riżultat. Minn dan l-eżerċizzju toħroġ id-differenza bejn meta wieħed qed jispara fuq mira wieqfa jew inkella fuq mira ħajja u li hi miexja jew qed tiġri. Wara dan il-ħin ingħatajna ċ-ċans li nerġgħu nagħmlu sessjoni ta' taħriġ fid-*drill* li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-impjegati ta' din il-faċilità kif ukoll mir-rekluti preżenti.

Minn hemm bqajna sejrin lejn il-villaġġ pittoresk ta' Volendam. Dan hu post żgħir turistiku u mżewwaq bil-ġmiel li taf toffri l-Olanda bħal dgħajjes antiki tassajd kif ukoll ilbies tradizzjonali. Hu fatt interessanti li sal-ġurnata tal-lum, f'dan il-post għad hemm madwar ħamsin mara, fil-maġġoranza tagħhom anzjani, li għadhom jilbsu lbies tradizzjonali.

Waslet il-ġurnata tant mistennija tas-26 ta' Ġunju 2018. Fid-0900hrs iltqajna mal-membri ta' P*egasus Pipe Band* li għoġobhom jakkumpanjawna b'marċ minn fejn il-lukanda sal-'Esplanade'. F'temp ta' madwar għaxar minuti wasalna fuq il-post fejn ftit tal-ħin wara bdejna bl-ewwel wirja. L-aspettattivà għall-wirja tagħna kienet waħda kbira mill-folla mdaqqsa li kienet preżenti, anke peress li aħna konna l-uniċi barranin li qed nieħdu sehem. Filfatt, il-wirjiet li saru mill-*Precision Drill Team* intlaqgħu tajjeb ħafna, kemm mill-folla preżenti kif ukoll mill-mistiedna distinti. Permezz tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, dawn il-persuni wasslulna kliem ta' tifħir fejn apprezzaw il-wirjiet li għamilna.

F'din l-okkażjoni, minbarra l-wirjiet tagħna, kienet tinvolvi wirjiet mill-Armata, mill-Pulizija permezz ta' sezzjonijiet differenti, Protezzjoni Ċivili u anke s-servizz tal-ambulanzi li għamlu diversi wirjiet ta' salvataġġ, arresti u operazzjonijiet oħra kemm fuq l-



art kif ukoll fuq il-baħar. Din kienet okkażjoni wkoll fejn matul din il-ġurnata, il-membri tat-tim kellna wkoll l-okkażjoni nintegraw ma' membri tal-Pulizija, Armata u Protezzjoni Ċivili u naraw sistemi diversi li jużaw huma kif ukoll naqsmu esperjenzi li żgur kull wieħed u waħda minnha niltaqgħu magħhom matul is-servizz.

Biex nagħlaq irrid insemmi wkoll li minbarra li din il-mawra fl-Olanda ħabtet fl-għoxrin anniversarju minn meta l-*Precision Drill Team* żar dan il-pajjiż għall-ewwel darba, ħabtet ukoll mat-tletin anniversarju minn meta ġie mwaqqaf, kif kien imsejjaħ dak iż-żmien is-*Silent Drill Team*. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq insellem lill-fizzjali li qabli kienu jieħdu ħsieb dan it-tim; il-mibki eks Spettur Harold Harisson, eks Spettur Charles Curmi, lill-Assistent Kummissarju Stephen Mallia kif ukoll lill-membri kollha, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk tal-passat. Jien onorat li ħdimt ma' dawn il-persuni kollha, li permezz u grazzi għat-tagħlim u l-esperjenza li ħadt mingħandhom, wasalt s'hawn illum.

Ta' min wieħed isemmi wkoll li kemm il-Bank BOV, il-lukanda Excelsior u l-Eurosport għoġobhom jagħtu s-sostenn finanzjarju tagħhom biex din il-ħolma saret realtà. Għaldaqstant minn qalbi u f'isem il-*Precision Drill Team* nixtieq nirringrazzja lil dawn it-tliet kumpanniji kbar għall-għajnuna tagħhom.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar u lill-fizzjali kollha li kif diġà għidt, dejjem kienu ta' sostenn. Nixtieq ukoll nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-membri kollha l-oħra tal-Korp għall-kooperazzjoni tagħhom biex il-*Precision Drill Team* jagħmel it-taħriġ kollu li hemm bżonn. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan ix-xogħol kemm mill-*Precision Drill Team* kif ukoll mill-Banda tal-Korp isir biex kemm aħna kif ukoll il-kumplament tal-poplu nersqu aktar viċin ta' xulxin u għalhekk biex dejjem jitjiebu r-relazzjonijiet tagħna mal-pubbliku.

justin.camilleri@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# *Internship* Programme Malta 2018

Mis-Surġent Maġġur 1133 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

F'Lulju li għadda reġa' kellna parteċipanza ta' għaxar uffiċjali tal-Pulizija Ġermaniżi li ġew minn reġjuni differenti fil-Ġermanja. Huma għażlu lil Malta għal darb'oħra sabiex iwettqu l-programm tal-*Internship* fiż-żmien waqt li huma għaddejjin bl-istudji pulizjeski tagħhom fl-Universitajiet u fil-kulleġġi li jattendu. Dan iwassalhom sabiex barra li jkunu qegħdin jiksbu l-livelli akkademiċi rikjesti, jilħqu wkoll f'dawk il-gradi li jkunu qed jaspiraw għalihom, li huma l-ekwivalenti għal dak ta' Spettur jew Supretendent. Min-naħa tagħna ma jistax jonqos li lkoll nawgurawlhom fil-karriera u l-ħajja personali tagħhom.

Din is-sena hija t-tlettax-il sena minn meta Malta bdiet tipparteċipa f'dawn il-programmi Ewropej. Bħassnin ta' qabel din is-sena wkoll il-programm beda u spiċċa b'suċċess u ta' sodisfazzjon għall-istess studenti.

Inkorporat ukoll fil-programm ikollhom l-aspett storiku, etnikoloġiku u kulturali dwar x'joffri pajjiżna; permezz ta' żjarat li jsiru f'ċertu postijiet madwar il-gżejjer li bla dubju ta' xejn, dawn dejjem jintlaqgħu tajjeb minnhom.

Fl-aħħar tal-programm huma jiġu ppreżentati b'ċertifikat. Permezz tiegħu jiksbu ċertu punti dwar din l-esperjenza f'pajjiż Ewropew u l-parteċipanza tagħhom fl-istess programm.

Bħalma semmejt f'ħarġiet preċedenti, il-kollaborazzjoni ta' bejn Malta u l-Ġermanja fil-qasam dwar taħriġ polizjesk kienet u għadha tajba ħafna. Fil-fatt din tmur lura mill-bidu tas-snin sebgħin. Diversi membri tal-Korp Maltin, kellhom l-opportunità f'xi żmien jew ieħor li jmorru hemm sabiex jiksbu aktar għarfien u jispeċjalizzaw f'xi qasam partikulari.

Għalhekk f'isem il-koordinaturi, nirringrazzjaw lil dawk l-entitajiet kollha u organizzazzjonijiet li bissehem u l-koordinazzjoni li ssir magħhom, dawn il-programmi jkunu jistgħu jsiru fil-livell mixtieq.

joseph.q.borg@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Punti bażiċi dwar l-Infurzar tat-Traffiku

mill-Ispettur Sergio Pisani – Sezzjoni tat-Traffiku

L-infurzar tat-traffiku ilu għal żmien twil ikkunsidrat bħala servizz essenzjali għall-pubbliku minn kull saff tas-soċjetà. Huwa ġeneralment meqjus bħala wieħed mill-aktar għodda effettivi biex tikkumbatti u tiskoraġġixxi l-ksur ta' dispożizzjonijiet tat-traffiku u l-kriminalità inġenerali.

Bosta dipartimenti jiddedikaw riżorsi biex itejbu l-operat tas-sezzjoni tat-traffiku sabiex insaħħu s-sigurtà tal-pubbliku fit-toroq. Jekk wieħed iqis kif nużaw il-vetturi għat-trasport fil-ħajja tagħna ta' kuljum, wieħed jintebaħ ukoll bil-possibilitajiet mingħajr tarf fid-dinja kriminali.

Ħafna nies huma familjari mal-perċezzjoni li kontrolli fit-triq ikunu ta' rutina u forsi jinjora l-kumplessità u l-potenzjal dinamiku tagħhom. Kontrolli fit-triq huma 'l bogħod milli jiġu kklassifikati bħala standard jew ordinarji u jistgħu jinbidlu b'rata mgħaġġla li tvarja minn ċitazzjoni sempliċi li jaf f'ħakka t'għajn tinbidel f'aggressjoni fuq l-uffiċjal. Ejja nħarsu lejn il-kumplessità billi momentarjament nisseparaw bosta frammenti li jagħmlu l-esperjenza ta' kontrolli fit-triq mill-perspettivi tal-uffiċjal u taċ-ċittadin.

## PROTOKOLLI

Kontrolli fit-triq, f'sens ġenerali, huma pjuttost simili fil-proċedura madwar l-Ewropa. Prassi ta' taħriġ standard għall-infurzar tat-traffiku huma inklużi fil-kurrikulu tal-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati u waqt it-taħriġ l-għan huwa li kull uffiċjal jiżviluppa l-istil tad-djalogu max-xufier, li jinkludi: (1) l-ewwel kuntatt; (2) introduzzjoni u spjegazzjoni; (3) talba u konferma tal-liċenzja tas-sewqan, assigurazzjoni, u reġistrazzjoni tal-vettura; (4) akkwist ta' informazzjoni/*warrants*/investigazzjoni relatata; (5) dikjarazzjoni tad-deċiżjoni, tkunx twissija jew ċitazzjoni; u (6) għeluq – dan il-proċess normalment ikun lest kollu f'ħin medju ta' madwar 7 minuti.

Il-proċeduri huma mfassla biex il-kontrolli fit-triq ikun effiċjenti kemm jista' jkun biex titnaqqas l-inkonvenjenza għas-sewwieq. Din hija meqjusa bħala detenzjoni ta' natura temporanja, u hija sitwazzjoni kemxejn tensa kemm għall-uffiċjal kif ukoll għas-sewwieq u l-passiġġieri.

## PERĊEZZJONIJIET U ESPERTI

L-oġġettività b'kuntrast mas-suġġettività ilha tiġi diskussa ħafna bħala l-qofol dwar l-infurzar effettiv tal-liġi u tiżen fuq l-integrità tal-uffiċjal innifsu. Kultant huwa suġġett jaħraq jekk l-uffiċjali humiex meqjusa bħala ġusti u ugwali ma' kulħadd u dan huwa wieħed mill-fatturi li jiddeterminaw il-fiduċja tal-pubbliku fid-dipartiment. Fil-fatt, isir kruċjali ħafna għall-uffiċjali li għandhom id-diskrezzjoni, biex ikunu oġġettivi.

L-argument iqum dwar kif dan huwa possibbli meta bniedem qed jieħu deċiżjoni bbażata fuq inkontru suġġettiv. Kultant huwa diffiċli, iżda l-uffiċjali għandhom jeskludu l-preġudizzju meta jieħdu d-deċiżjonijiet. Mhux biss huwa mandat pubbliku għall-uffiċjali li jkun oġġettiv u ġust, iżda l-amministrazzjoni tad-dipartiment jistennew li l-uffiċjali jagħmlu biss dak mgħallem u rfinut minnhom stess wara snin ta' esperjenza jagħmlu l-istess xogħol ta' kuljum. Dawk li jargumentaw kontra jistaqsu wkoll jekk jistgħux l-uffiċjali jwaqqfu kull infrazzjoni li josservaw u jittrattaw kull kuntatt tal-pulizija eżattament l-istess? Ir-risposta bla kantunieri hija LE.

Il-waqfiet huma bbażati fuq l-osservazzjoni ta' vjolazzjoni u riżultat ta' dan isiru manuvri tat-traffiku biex jinterċettawhom mingħajr ma jtellfu jew jimpedixxu traffiku ieħor. Huma diversi s-sitwazzjonijiet ippreżentati li jvarjaw minn sewwieq li jipprova jevita r-rivelament tal-ksur mill-uffiċjal. Il-pulizija jistgħu wkoll ikunu fi triqthom lejn sejħa oħra u ksur ta' regoli li josservaw ma tkunx meqjusa ta' prijorità fuq is-sejħa

li qed jirrispondu għalihom, u għalhekk jinjorawha. Bl-istess mod, kull pulizija huwa uniku u separat minn dak preċedenti; għalhekk kull waqfien ma jistax jitwettaq jew jiġi konkluż eżattament bl-istess mod.

**KONSEGWENZI**

X'inhuma l-konsegwenzi tal-ksur tal-kodiċi tat-traffiku? Twissija, ċitazzjoni jew arrest skont dak definit filleġislazzjoni dwar ir-reat li jkun ġie osservat. Id-danni jvarjaw bejn ammenda/multa u/jew dehra possibbli fil-Qorti li jaf tirriżulta anki f'detenzjoni. F'xi każijiet tinkludi wkoll punti fuq ir-rekord tas-sewqan tiegħek, forsi marka fuq il-kondotta, u possibilment żidiet firrata tal-assigurazzjoni. Kull operatur ta' vettura bilmutur għandu jkun konxju mir-riperkussjonijiet ta' ksur tar-regoli.

Għalkemm il-waqfiet ta' dawn it-tip ta' spezzjonijiet huma tip ta' detenzjoni qasira, dawn ma jirriżultawx f'arresti sakemm ma jkunx hemm ksur aktar serja talkodiċi tat-traffiku jew ta' dawk fil-kamp kriminali. Ilksur fil-parti l-kbira jkollu assenjat skali ta' multi/penali li jistgħu jiġu maħruġa bħala *Traffic Offence Ticket* u jitħallsu saħansitra permezz ta' portal tal-internet **https://les.gov.mt/**. Ksur aktar serju jistgħu jiġu kklassifikati bħala delitti u għandhom multi ogħla, skali ta' piena, u/jew proċeduri tal-qorti. L-uffiċjali jistgħu joħorġu wkoll twissijiet li ma jeħtieġu l-ebda azzjoni mis-sewwieq, iżda huma mfassla biex jiskoraġġixxu ksur fil-futur.

**IS-SEWWIEQ**

Huwa veru li ċ-ċittadini jaraw eċċessi ta' veloċità u infrazzjonijiet oħra tat-traffiku bħala periklu pubbliku u periklu għas-sigurtà tagħhom? Iva, ngħid dan b'ċertezza. Ħafna studji saru fuq dan is-suġġett u jistgħu jiġu rriċerkati għal statistiċi aktar dettaljati.

Ħadd ma jieħu pjaċir b'ċitazzjoni tat-traffiku. Meta persuna tħoss li l-liġijiet qegħdin hemm għal sikurezza pubblika, iżda jistkerrħu meta jirċievu ċitazzjoni għal xi ksur, l-imġiba tagħhom hija tipika ta' ċittadin medju. Anki jekk xi lmenti ta' spiss ikunu dirett lejn l-uffiċjal, ħafna nies huma ddiżappuntati fihom infushom.

It-tkissir tal-psikoloġija dwar il-kuntatt mal-pulizija jinvolvi diskussjoni twila. Fil-qosor, is-soċjetà żżomm għajnejha fuq dak meqjus bħala interess pubbliku, il-Gvern, l-awtoritajiet u kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ħajja ta' kuljum tagħhom. Xufier tipiku jipprova jipproteġi r-rekord tar-reputazzjoni u tas-sewqan sabiex jevitaw is-sospensjoni tal-liċenzja. Għalhekk ħruġ ta' ċitazzjoni tkun qed tiddefletti l-awtostima u l-integrità tax-xufier li potenzjalment ifixkel ħafna fil-fażi inizjali tal-emozzjonijiet. It-tieni punt, il-multi (reċidiviżmu) u r-rati tal-assigurazzjoni huma affettwati minn sejbiet sostanzjati ta' tort u jistgħu jolqtu r-rekord tas-sewqan ta' persuna.

Kultant avolja n-nies jafu l-konsegwenzi, jagħtu t-tort lill-pulizija f'ħinijiet minflok ma jevalwaw l-azzjonijiet tagħhom stess jew jieħdu r-responsabbiltà għallazzjonijiet tagħhom stess. It-tieni lment komuni kontra uffiċjal huwa għal imġiba ħażina; jekk l-uffiċjal ma jppreżentax ruħu b'mod pjaċevoli lis-sewwieq jew li s-sewwieq ħares lill-uffiċjal bħala ardit. Wara numru ta' waqfien ta' vetturi l-uffiċjali jirrealizzaw li l-waqfien tat-traffiku ma jitqiesx bħala esperjenza pjaċevoli għal kwalunkwe sewwieq li jfisser li huwa ta' importanza kbira li huma jkunu professjonali kull darba.

**DISKREZZJONI**

Min jikseb twissija u min jirċievi ċitazzjoni? X'jinfluwenza d-diskrezzjoni tal-uffiċjal u jekk iva, kif jista' dan ma jneħħix l-oġġettività? Ħafna fatturi jaffettwaw id-diskrezzjoni tal-pulizija li jinkludu iżda mhumiex limitati (f'ordni ta' importanza artikolari): (1) l-attitudni tal-uffiċjal, (2) l-attitudni u konformità tas-sewwieq involut, (3) rekwiżiti tal-strateġiji tal-Pulizija, (4) strateġiji tal-infurzar tat-traffiku, (5) tħassib dwar is-sikurezza pubblika, (6) produttività (kejl), (7) evalwazzjonijiet, (8) influwenzi ambjentali u tal-madwar, (9) il-perċezzjoni tas-sistema tal-ġustizzja bħal rispons tat-Tribunali u Qrati, (10) direttivi/esperjenzi tal-Kunsill Lokali, (11) rekord tas-suspettat, (12) interferenzi personali tal-ħajja, (13) ċirkostanzi tassitwazzjoni, (14) l-istruttura ta' dipartiment intern u aspettattivi, (15) diretturi superviżorji, (16) skrutinju pubbliku u (17) stress tal-uffiċjal.

Dawn il-komponenti integrali huma biss ftit mill-'ħsejjes statiċi' madwar sempliċi waqfien tat-traffiku, li jinfluwenza d-deċiżjoni tal-uffiċjal. Fl-istess ħin, uffiċjal irid jiddekostralizza d-deċiżjoni tiegħu jew tagħha u jikkampjunalizza l-kunflitti personali u l-istress. Il-*bias* għandu jiġi eliminat mill-evalwazzjoni tal-waqfien mill-uffiċjal u hu jew hi għandhom jesegwixxu d-deċiżjoni b'mod ġust.

**RISKJI GĦALL-UFFIĊJAL U L-PUBBLIKU**

Il-waqfa tat-traffiku hija dmir li ġġorr ċertu riskju u kultant kumpless għall-uffiċjal. L-uffiċjali m'għandhomx jinjoraw il-periklu relatat ma' manuvra ta' waqfien, it-tqegħid tal-vetturi, il-post magħżul, il-viżibilità, it-temp u fatturi oħra. Idealment il-Pulizija tieħu ħsieb dawn il-fatturi qabel ma tiddeċiedi li twaqqaf. It-tattiċi tal-pulizija huma dettati minn protokolli mfasslin u minn taħriġ kemm f'ambjenti kkontrollati bħal l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, kif ukoll f'ambjenti *live*.

Mhux biss waqfien jinvolvi proċeduri u tattiki xierqa tal-pulizija, iżda jinvolvi l-imġiba tas-sewwieq li hija mdawra b'ħafna influwenzi interni u esterni mhux magħrufa mill-uffiċjal. Persuna hija awtomatikament aġitata jew nervuża ladarba titwaqqaf minn uffiċjal tal-pulizija. L-emozzjonijiet u l-intenzjonijiet suspettati huma tnejn mir-raġunijiet l-iktar prolifiċi għaliex il-waqfiet tat-traffiku huma perikolużi ħafna għal dak li qiegħed jinfurza l-liġi. Jekk dan il-periklu jintensifika jew imur lil hinn mill-ambitu tal-waqfien tat-traffiku sempliċi u jinbidel potenzjalment f'periklu pubbliku minħabba li s-sitwazzjoni tiżvolġi b'tali mod li jiġu affettwati terzi. Hemm numru kbir ta' elementi ta' theddid madwar il-waqfien u huwa xi kultant impossibbli għal uffiċjal li jtaffi kull wieħed u waħda minnhom.

Il-prossimità tal-uffiċjal espost fuq l-avviċinament barra l-vettura suspettata meta mqabbel mal-vantaġġ loġistiku tax-xufier u l-passiġġieri jgħolli l-livell ta' riskju. L-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kontroll emozzjonali huma tal-akbar importanza. L-imġiba retta u professjonali tal-uffiċjal huma sett ta' ħiliet li jagħmlu l-konformità u jistgħu jnaqqsu sitwazzjoni emozzjonali jew volatili.

L-infurzar tat-traffiku huwa maħsub biex jippromwovi s-sikurezza pubblika billi jwaqqaf il-vjolazzjonijiet, inaqqas il-ħbit, u jtejjeb it-tgawdija pubblika. Fl-istess ħin, taħdem sabiex tbiddel l-imġiba tas-sewwieq għal aktar konformi mal-liġijiet u korteżija għall-utenti ta' triq oħra.

Il-waqfiet tat-traffiku huma l-iktar interazzjoni komuni li ċ-ċittadin ikollu ma' uffiċjal tal-pulizija. Għal xi wħud, jista' jkun l-uniku kuntatt li jiltaqgħu ma' uffiċjali tal-Pulizija. Dawn l-esperjenzi jinfluwenzaw il-perċezzjonijiet taċ-ċittadini dwar l-infurzar tal-liġi, id-direttivi tad-dipartimenti u l-opinjoni pubblika inġenerali. Xi wħud jargumentaw li infrazzjoni tat-traffiku hija frivola u l-pulizija jikkonċentraw wisq fuq din il-kwistjoni. Għall-kuntrarju, bosta komunitajiet jirrapportaw li l-awtoritajiet t'infurzar tal-liġi ma jiddedikawx attenzjoni tattika biżżejjed għall-ispezzjonijiet tat-traffiku vis-a-vis li jesiġu li dawn it-tipi ta' kontrolli għandhom jiżdiedu kemm fin-numru kif ukoll fil-frekwenza. Fil-fatt, ħafna mid-dipartimenti kkonċernati għandhom spazju għal titjib fl-infurzar kif ukoll fl-għarfien dwar il-kodiċi tat-traffiku. Dan it-titjib jista' jiġi esplorat billi jiġu analizzati l-ħbit tat-traffiku, analiżi tal-oqsma problematiċi, l-osservazzjoni tal-konġestjoni tat-traffiku, xogħol relatat dwar il-veloċità u l-identifikazzjoni ta' fatturi li jiddeterminaw imġiba aggressiva tas-sewwieq.

L-amministraturi jevalwaw il-programmi u r-riżorsi tagħhom kif xieraq biex iżommu aġġornati u infurmati dwar il-fluss f'materji speċifiċi tal-komunità u spots ta' traffiku/kriminalità. B'dawn il-konsiderazzjonijiet, komunità tista' tevalwa fejn l-infurzar tat-traffiku huwa ta' suċċess jew fejn hemm bżonn ta' operazzjonijiet addizzjonali.

Il-fluss tat-traffiku, it-tħaddim sigur ta' vetturi bil-mutur, u infrastruttura effiċjenti huma paralleli diretti għas-sikurezza pubblika. Mingħajr l-infurzar tat-traffiku effikaċi, is-sikurezza pubblika tkun mhedda.

sergio.pisani@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# It-twaqqif tal-PIU (Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fi ħdan il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

mill-Ispettur Sandra Zammit – Kap PIU

Wara l-attakki terroristiċi serji fi Brussell fl-2015, l-Unjoni Ewropea ħadet azzjoni fil-pront biex issaħħaħ ir-rispons tagħha u taċċellera l-implimentazzjoni ta' miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà interna fil-livell tal-UE. Dawn il-miżuri inkludew id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2018/681 tal-PNR, li dderiġiet lill-Istati Membri tal-UE biex jintroduċu PNR (Passenger Name Record) sal-25 ta' Mejju 2018. L-għan tagħha hu li jiġu evitati, skoperti, investigati u prosegwiti reati terroristiċi u serji.

L-iskop huwa li tiġbor u tittrasferixxi data tal-PNR riċevuta minn trasportaturi bl-ajru ta' passiġġieri li ġejjin kemm mill-Ewropa kif ukoll minn dawk li mhumiex. Din il-proċedura hi mfassla fuq żewġ *push methods*: wieħed erbgħa u għoxrin siegħa qabel it-tluq u l-ieħor wara l-għeluq tat-titjira. Il-passiġġieri huma l-ewwel evalwati skont lista ta' kriterji ddeterminata minn qabel u konsegwentement jiġu eżaminati f'diversi *databases* bħas-SIS (Schengen Information System), NSL (National Stop List) u EIS (Europol Information System). Il-PIU Malti qed jintroduċi aktar *databases* bħal 24/7 tal-Interpol.

Minħabba raġunijiet suspettużi jew f'każ ta' *hit*, l-analista tal-PIU għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti għal aktar azzjoni meħtieġa, filwaqt li jinforma l-PIU ta' Stati Membri oħra. Għandu jiġi rrimarkat ukoll li d-data tal-PNR tista' tintalab mill-awtoritajiet kompetenti bħalma huma l-Korp tal-Pulizija u d-Dwana, il-Europol, l-Istati Membri tal-UE u xi Stati Membri mhux tal-UE wkoll. Dawn l-investigazzjonijiet ma jistgħux iġorru anqas minn tliet snin priġunerija.

Il-PIU Malti twaqqaf fi ħdan il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija f'Mejju tal-2018. Il-Kap ta' din l-unità hi l-Ispettur Sandra Zammit, assistita mill-analisti taħt id-direzzjoni tagħha. L-Ispettur Neville Mercieca huwa l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data responsabbli għall-ipproċessar, l-iskambju u t-talbiet. Talbiet għad-data tal-PNR għandhom jiġu ndirizzati lill-Ispettur Sandra Zammit, lill-Ispettur Neville Mercieca u lill-PIU fuq piu.police@gov.mt.

Il-PIU jopera fuq bażi ta' erbgħa u għoxrin siegħa u d-data tal-PNR riċevuta mit-trasportaturi bl-ajru ġeneralment tikkonsisti f'data ta' riservazzjoni, data tal-bejgħ tal-biljett, dati tal-itinerarju, ismijiet, indirizz, mezzi ta' kuntatt bħal numri tat-telefown u indirizz tal-*email*, kif ukoll informazzjoni utli oħra kif tista' tiġi osservata d-Direttiva tal-UE 2016/681. Data personali bħas-sess, ir-razza, l-oriġini u r-reliġjon mhumiex inklużi. Id-data tal-PNR tinżamm għal massimu ta' ħames snin, iżda hija dipersonalizzata wara sitt xhur. Madankollu, meta jintlaqgħu t-talbiet, id-data xorta tista' tkun irkuprata.

Il-proġett tal-PNR ġie implimentat grazzi għall-fondi tal-UE u minbarra d-data tal-PNR, il-PIU jiġbor ukoll data API (Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri). Id-differenza hija li l-PNR huwa aktar informattiv, jiġi riċevut fuq żewġ *push methods* u jinkludi wkoll titjiriet mill-Ewropa, filwaqt li l-API hija biss għal titjiriet barra mill-Ewropa. L-analisti tal-PIU għaddew minn taħriġ fi ħdan il-PIU Ungeriż u se jkollhom aktar opportunitajiet ta' taħriġ fil-ġejjieni qrib sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-aħjar fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u fl-għajnuna lill-membri tal-Korp fl-investigazzjonijiet tagħhom.

sandra.a.zammit@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK



# Attivitajiet marbuta mal-204 anniversarju tal-Korp tal-Pulizija
































































# Grazzi tas-sehem tagħkom

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

I just want to say how grateful I am for the services provided tonight by the following police men stationed at the RIU:
PC 1391
PC 877
PC 458
I lost my phone, I tracked it, asked for their help and they helped me get it back in the span of 30 min! They fulfilled their jobs so well and I honestly never expected it. Thank you so so much, I appreciate it. Respect.

To PC 840

Stationed at Mater Dei Hospital

I would like to thank you for your care after losing my mother at hospital.

I know the police say "they were just doing their job" but you did it with care and compassion in that current situation, hat's off...

Many Thanks

Message: Sir, Madam,
I wish to convey my appreciation for Police Sergeant PS 3 at the B'Kara Police Station when as orderly on Wed 3 Jan 18 at 1300hrs acted very professionally and was extremely courteous in my regard. I visited the station to collect a police report and despite being informed the day before by the orderly station officer that the back office remains open until 1500hrs, it transpired that the office closes for break. This was indeed very frustrating after leaving my place of work and told to report at a later time. When I informed PS3 of this situation, he was very understanding and he took it upon himself to provide me with the printout.

Such a minor gesture indeed but highly ambassadorial for the Corps.

I would like to sincerely thank the Sergeant (I believe he carried the number 1482 and his first name is Bjorn, though I stand to be corrected) on duty at Qormi police station earlier this afternoon.

He assisted me in a matter regarding a rented warehouse in Mriehel.

He showed empathy (without being condescending), was exceptionally professional and followed up in a timely and efficient manner. He saw the issue through in a way that does honour to the Force.

I would also like to thank the Sergeant on duty at the B'Kara police station late this morning / early afternoon, which I went first to on the same matter. He too was very polite and helpful.

Do keep up the good work!

A certain [redacted] phoned this end on behalf of an old lady who requested help today during an incident at Imsida. She would like to thank the officers who assisted her. These police officers who were driving M72 are PC 868 and PC 209 as checked with RIU, please.

Dear Sir,

Please allow me a few words to express our deep gratitude for the rapid response offered by members of the Rapid Intervention Unit during the night between the 9th and 10th January when there was an attempted theft of vehicles from the car park opposite De La Rue factory in Bulebel Industrial Estate, Zejtun. With the intervention of unit members PS 1444 Brignano, PC 8 Bugeja and PC 919 Camilleri (and also other unit members who arrived in the area to give assistance but which unfortunately I have no other details), the three culprtis involved have been apprehended.

While thanking you once again for the assistance that our company has always found from the Rapid Intervention Unit, Sir I wish you and the rest of your team all the best for the new year and for your future.

Dear Inspector Bernard

I write to thank all officers of the police station at Victoria in searching for my sister. Your professional attitude and assistance is much appreciated. She was lost in the streets and her phone was out of battery. That is why we cannot contact her by phone. She managed to take a bus to the ferry terminal and sent us a What's message and that was how we can locate her.

Thanks again for your help and your Maltese friendship will be remembered in our hearts forever God bless and your colleagues

Nixtieq nirringrazzja lill-Korp ghall-assistenza li nghatat il-familja tieghi fil-weekend li ghadda. Ir-residenza taghna tinsab in-Naxxar u ghaldaqstant gejna assistiti mill-pulizija tal-Ghassa tan-Naxxar.

Il-kaz kien pjuttost sensittiv u l-pulizija qdewna bl-aktar mod efficjenti u professjonali. Iz-zewg pulizija li qdewna kienu PS 950 u PC 78.

B'mod specjali nixtieq nuri l-apprezzament tieghi fil-konfront tal-hidma tas-Surgent Alan Buhagiar. Huwa bniedem serju, iddixiplinat, empatiku u istruwit sew f'xoghlu. Bis-sahha tieghu, il-familja tieghi tista tkompli tghix b'mohhha mistrieh fin-Naxxar.

Nawgura lill-Korp ghall-fatt li fi hdanu hemm pulizija ta' kalibru bhas-Surgent Buhagiar. Jalla jkollna iktar bhalu. Niehu l-opportunita biex nirringrazzja lill-Korp kollu ghall-hidma sfiqa fil-konfront tal-poplu Malti.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Avvenimenti u Informazzjoni

### AFM Sports Day - Edizzjoni 2018

Bħalma ġara fis-sena 2015, il-Forzi Armati ta' Malta organizzat ġurnata sportiva għall-membri kollha tal-Forzi Dixxiplinati nhar it-12 t'April 2018. Din id-darba ġiet organizzata ġewwa l-faċilitajiet tal-Forzi Armati ta' Malta eżattament ġewwa l-Luqa Barracks u s-Safi Barracks.

Min-naħa tal-membri tal-Korp, kellna parteċipazzjoni f'diversi dixxiplini bħal futbol, *American pool, basketball, volleyball,* atletika*, darts, table tennis, chess, tug of war, power lifting, arm wrestling, boxing u kick boxing.*

Mill-parteċipanti kollha li ħadu sehem, kemm bħala individwali kif ukoll bħala tim taw is-sehem tagħhom u wrew il-kapaċitajiet tagħhom fid-dixxiplini sportivi rispettivi. Kien hemm min kellu s-sodisfazzjon li rebaħ xi unur u oħrajn li ma waslux għar-rebħ, imma l-parteċipazzjoni tagħhom kienet sodisfaċenti u ta' unur.

Bħala Kumitat, nixtiequ nieħdu l-opportunità li nirringrazzjaw lil kull min ħa l-inizjattiva, interess u pparteċipa f'din l-edizzjoni organizzata mill-Forzi Armati ta' Malta. Nifhmu bħala Kumitat li hija diffiċli biex kulħadd ikun jista' jiġi fil-kumdità kollha li jixtieq, iżda lil hinn minn kull diffikultà hija ħafna apprezzata l-parteċipazzjoni ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija.



---

### Kompetizzjoni tal-*Bowling*

Nhar it-22 ta' Ġunju 2018, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija organizza għal darb'oħra avveniment ieħor tal-*bowling* bejn il-membri tal-Pulizija, sezzjoni Maltija u dik Għawdxija.

Iż-żewġ timijiet ikkompetew kontra xulxin b'mod amikevoli imma bħal kull kompetizzjoni oħra ried ikun hemm tim rebbieħ u ieħor tellief. F'din l-attività, għalkemm kien hemm oppożizzjoni tajba mis-selezzjoni Għawdxija, is-selezzjoni Maltija ħarġet rebbieħa għall-ewwel darba tax-*shield* li saret speċifikament għal din l-okkażjoni.

Wara li ġie ddeterminat liema kienet l-aqwa selezzjoni, saret kompetizzjoni li fiha ħadu sehem tmien (8) plejers u kkompetew bejniethom għall-ewwel, it-tieni u t-tielet post. F'din il-kompetizzjoni, ir-rebbieħa kienu:-

L-Ewwel Post: PS 845 Ian VELLA, stazzjonat Distrett numru 9;
It-Tieni Post: PS 1122 Arthur John RIZZO, stazzjonat Distrett numru 4;
It-Tielet Post: PC 597 Mariano BONELLO, stazzjonat id-*Dog Section*;

Din il-kompetizzjoni li għaliha jidher li hemm interess mill-membri tal-Korp ser terġa' tiġi organizzata fil-futur u hija fil-pjanijiet tal-Kumitat Sportiv li titkabbar u ssir waħda bejn id-distretti fejn tim minn kull distrett jikkompeti u d-distrett rebbieħ jingħata x-*shield*. Dan ikun biss possibbli jekk l-interess f'din id-dixxiplina jkompli jikber min-naħa tal-membri tal-Korp. Din id-dixxiplina tkun organizzata mill-MESA fejn timijiet mill-korpi differenti jieħdu sehem u jikkompetu kontra xulxin dejjem fuq livell sportiv u kompetittiv.

## MESA *8-a-side Football*

Il-Pulizija ilha snin tikkompeti fil-Kampjonat tal-Futbol *8-a-side* organizzat mill-*Malta Employees Sports Association* (MESA). Il-Kumitat Sportiv huwa tal-fehma li dan l-istaġun ma kienx wieħed feliċi u mhux ta' ġieħ għall-Korp tal-Pulizija. Il-Kumitat Sportiv ħa nota ta' diversi nuqqasijiet li kien hemm u immedjatament ittieħdet azzjoni biex jitnaqqsu dawn in-nuqqasijiet u l-impenn kien wieħed sodisfaċenti. Imma jibqa' żgur li jrid isir it-titjib meħtieġ biex nibdew naraw riżultati aktar pożittivi u ta' ġieħ - l-aktar irid ikun hemm motivazzjoni u determinazzjoni mhux mill-Kumitat Sportiv biss imma wkoll mill-parteċipanti sabiex naslu għall-għan mixtieq.

F'dan l-istaġun irriżulta li t-Tim B tilef postu fl-ogħla diviżjoni u għalhekk ġie rrelegat għat-Tieni Diviżjoni tal-Kampjonat tal-MESA filwaqt li t-Tim A baqa' jżomm postu fl-Ewwel Diviżjoni tal-Kampjonat tal-MESA. Fin-*Knock out*, iż-żewġ timijiet sfaw megħluba fil-fażi preliminari u għalhekk il-mixja tagħhom f'din il-kompetizzjoni kienet waħda qasira.

**Klassifiki Finali - I Diviżjoni**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AFM A | 8 | 8 | 0 | 0 | 48 | 2 | 24 |
| AFM B | 8 | 6 | 1 | 1 | 26 | 12 | 19 |
| Maltapost | 8 | 5 | 2 | 1 | 23 | 11 | 17 |
| BOV A | 8 | 4 | 1 | 3 | 21 | 13 | 13 |
| BOV B | 8 | 4 | 0 | 4 | 11 | 20 | 12 |
| Pulizija A | 8 | 2 | 0 | 6 | 13 | 17 | 6 |
| Mater Dei | 8 | 2 | 0 | 6 | 7 | 24 | 6 |
| Malta Freeport | 8 | 2 | 0 | 6 | 8 | 35 | 6 |
| Pulizija B | 8 | 1 | 0 | 7 | 10 | 27 | 3 |

**AFM A *Champions*; Pulizija B relegati**

Ir-raġuni li tim wieħed biss ġie relegat hi peress li mill-istaġun li ġej ser ikun hemm 10 timijiet fl-ogħla diviżjoni.

Min-naħa l-oħra, għall-ewwel darba, il-Pulizija ħadet sehem ukoll fil-Kampjonat organizzat min-naħa tal-MESA *5-a-side*. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija ddeċieda li f'dan il-kampjonat jipparteċipaw plejers li huma 'l fuq minn 35 sena iżda mill-ewwel logħbiet deher biċ-ċar li ma kinitx idea tajba minħabba l-livell għoli li kien hemm fit-timijiet l-oħra.

**Klassifika Finali *5-a-side***

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AFM | 9 | 8 | 1 | 0 | 54 | 14 | 25 |
| Central Bank | 9 | 7 | 2 | 0 | 52 | 16 | 23 |
| Min. of Education | 9 | 7 | 0 | 2 | 59 | 34 | 21 |
| BNF Bank | 9 | 6 | 1 | 2 | 38 | 25 | 19 |
| GH Excelsior | 9 | 5 | 0 | 4 | 43 | 28 | 15 |
| Mount Carmel Hospital | 9 | 3 | 0 | 6 | 25 | 55 | 9 |
| ERA | 9 | 2 | 0 | 7 | 23 | 36 | 6 |
| Pulizija | 9 | 2 | 0 | 7 | 13 | 39 | 6 |
| FIAU | 9 | 2 | 0 | 7 | 27 | 61 | 6 |
| Heritage Malta | 9 | 0 | 0 | 9 | 10 | 36 | 0 |

### AFM *Champions*

Il-Kumitat Sportiv qed jaħdem bis-sħiħ sabiex itejjeb il-livell fejn jidħol futbol fil-Korp tal-Pulizija u wara li ġew ikkonfermati ż-żewġ kowċis, issa jmiss li jintgħażlu l-aħjar plejers possibbli mill-istess Korp. Matul ix-xhur tas-sajf ser isiru xi *trials* sabiex jitqassmu sew it-tliet (3) timijiet u jkun hemm bilanċ fejn jidħlu plejers. Nisperaw li bħal dan iż-żmien sena nkunu f'pożizzjoni aħjar milli qegħdin issa.

Il-Kumitat Sportiv huwa deċiż li min mhux ħa jkun motivat li jilgħab il-logħba tal-futbol b'determinazzjoni, dixxiplina u bit-tama li naslu, iżomm id-dritt li jitneħħew plejers li ma jilħqux il-livell hekk indikat.  Wieħed irid jaħdem f'tim u mhux individwali - il-logħba tal-futbol tintlagħab bħala tim wieħed iddixxiplinat, magħqud u li jkollu għan li jrid jilħqu b'determinazzjoni sħiħa.

### Logħba ta' Ħbiberija

Nhar il-25 ta' Ġunju 2018, ġewwa l-grawnd ta' Ħal-Kirkop United F.C. intlagħbet logħba ta' ħbiberija bejn is-selezzjoni tat-tim tal-Pulizija kontra s-selezzjoni tal-HMS ECHO. Kienet logħba ferm ibbilanċjata fejn għalkemm l-HMS ECHO fetħu r-riżultat huma, it-tim tal-Pulizija xorta ħareġ rebbieħ wara li rkupra u rebaħ bir-riżultat ta' 2 - 1.

Ta' min isemmi li l-gowl tar-rebħa ġie minn PC 795 Clayton Tabone fejn l-istess plejer spiċċa weġġa' u minn hawn nixtiqulu fejqan minn ksur fil-qasba ta' siequ wara ħabta mal-gowler avversarju.

### ATLETIKA

Il-Ħadd 15 ta' Lulju 2018, l-atleta PC 376 Andrew Grech ħa sehem f'tellieqa internazzjonali ġewwa Noordwijk, l-Olanda.

Din it-tellieqa ta' 10km kellha madwar 1,500 atleta minn diversi pajjiżi li 1,215 spiċċaw it-tellieqa fejn PC 376 Andrew Grech ikklassifika fit-Tielet Post f'ħin tajjeb ta' 32 minuta 42 sekonda.

Huwa fatt li t-tellieqa kienet ta' livell għoli ħafna, organizzata mil-leġġenda tal-futbol Olandiż u eks gowler ta' diversi timijiet fosthom Juventus u Manchester United, is-Sur Edwin Van Der Sar u ntrebħet minn wieħed mill-aqwa atleti Skoċċiżi, is-Sur Neil Renault b'ħin ta' 32 minuta 07 sekondi.




Min-naħa tiegħu, PC 376 Andrew Grech li huwa membru tal-Kumitat Sportiv, jieħu l-opportunità li jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar kif ukoll lill-istess Kumitat li dejjem tah l-għajnuna u l-appoġġ.

### *GAMES ROOM Project*

Kien ilu żmien twil iberren f'moħħna li xi darba jkollna fejn niltaqgħu u nqattgħu ftit ħin flimkien - (barra mill-ħin tax-xogħol). Ħolma li saret realtà. Illum il-*games room* tlestiet grazzi għal ħafna xogħol volontarju mill-membri tal-Kumitat, l-aktar u mhux l-inqas PC 52 Leli Agius u s-Surġent Maġġur Martin Agius.

Il-Kumitat Sportiv jieħu l-opportunità li jirringrazzja lil kull min ta' sehmu biex dan il-proġett iseħħ fosthom u mhux l-inqas il-ħaddiema mit-taqsima tat-*Trades* - il-mastrudaxxi u l-*electricians*, kif ukoll ħaddiema barra mill-Korp.







Ma nistgħux lanqas ma ngħidux grazzi liż-żewġ *Unions* tal-membri tal-Korp li taw id-donazzjonijiet tagħhom rispettivi biex inxtraw affarijiet li huma ta' ħtieġa għal din is-sala tal-logħob.

Aktar minn hekk u mingħajr tlaqliq, ngħidu grazzi b'mod speċjali lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, li kien strumentali ħafna mhux biss bl-għajnuna finanzjarja sabiex dan il-proġett ikun ta' suċċess imma l-kuraġġ u l-motivazzjoni li dejjem wera sabiex dan il-proġett jibda u jitlesta f'perjodu qasir u jkun wieħed ta' livell.

Wieħed irid jgħid li l-*games room* kienet uffiċjalment miftuħa mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar flimkien mal-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Dr Michael Farrugia, flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà. Ġiet mikxufa plakka kommemorattiva tal-okkażjoni filwaqt li l-istess sala ġiet imbierka mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonniċi OFM.

### Ħtieġa ta' persuna/i responsabbli għall-ftuħ u t-tmexxija tal-*Games Room*

Il-Kumitat Sportiv, wara diskussjonijiet mal-Kummissarju tal-Pulizija, iħoss li għandu joħroġ sejħa għall-membri kollha tal-Korp li jixtiequ jagħtu sigħat ta' volontarjat u/jew parti mill-ħidma tagħhom u jkunu responsabbli mill-ftuħ tal-*games room* f'ħinijiet diversi. Kull min huwa interessat għandu jagħmel kuntatt mas-Segretarju PS 121 Josef Vassallo u/jew mat-teżorier, is-Surġent Maġġur Martin Agius.

### Riflessjoni għall-futur

Il-membri tal-Kumitat Sportiv qatt ma jħarsu lejn it-tifħir imma jħarsu lejn il-parteċipazzjoni ta' kull membru tal-Korp u jkun apprezzat billi wieħed jieħu l-inizjattiva u jkun minn ta' quddiem li jipparteċipa għax barra li tkun qed isservih ta' ġid lil hinn mir-rutina, isservi ta' ġieħ u għajnuna għalih personali kif ukoll għall-Korp inġenerali. It-tgergir, il-qirda u passività ma jagħtux ġieħ lil kull min jgħidhom u/jew ikun parti minnhom, imma tkun qed toħloq possibilitajiet ta' instabilità fil-ħidma ta' kuljum kif ukoll tagħti l-identità tiegħu/tagħha bħala waħda negattiva. Tkunx int li tonqos imma kun int li tirnexxi. Li twar rab għax tara problema ġejja u/jew tgerger għax ma taqbilx u, wara kollox ma toffrix l-iċken suġġeriment u/jew ideat, huwa miftiehem li tkun beżżiegħ u/jew ma jkollokx il-kuraġġ jew il-kapaċità li tifhem u li tiffaċċja r-realtà ta' bidla progressiva. Kulħadd għandu potenzjal/i differenti u għalhekk aħna tal-Kumitat nemmnu li kulħadd hu kapaċi f'dixxiplini sportivi u/jew li jagħti l-ideat tiegħu għat-tibdil u/jew jitkabbar it-tajjeb li jkun diġà sar. Din hija mixja kontinwa għal futur li jista' jkun qarib jew 'il bogħod, l-importanti hu li wieħed iħares lejn il-pożittiv u n-negattiv jara kif ibiddlu f'pożittiv.

### Kummenti Ġenerali

Il-Kumitat Sportiv jixtieq bħal dejjem jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar tal-appoġġ kontinwu tiegħu fil-qasam sportiv fi ħdan il-Korp. Bl-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija l-Kumitat Sportiv qiegħed jaħdem kontinwament biex jerġa' jqajjem diversi dixxiplini sportivi fil-Korp u ta' dan aħna grati lejn il-Kummissarju tal-Pulizija.

Insellmulkom
mpsc.police@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Kif tiżviluppa relazzjonijiet iktar b'saħħithom

Employee Support Programme Unit

Ir-relazzjonijiet huma fundamentali għas-saħħa tagħna. Bħala individwi ma nistgħux nirnexxu mingħajr relazzjonijiet u ħbiberiji sinjifikanti. Ir-relazzjonijiet jgħinuk tħossok parti minn grupp u jagħtu sens ta' identità. Kważi kważi jagħtuna wkoll sistema ta' sapport terapewtiku u jżommu s-sentimenti ta' solitudni 'l bogħod. Relazzjonijiet tajbin jgħinuna nitgħallmu mill-esperjenzi tal-oħrajn filwaqt li jagħtuna l-opportunità li nitgħallmu affarijiet ġodda.

Għalhekk huwa importanti li nieħdu ħsieb ir-relazzjonijiet tagħna, kemm personali u kemm dawk professjonali. Iżda mhux dejjem inkunu konxji li mhux qed ninvestu jew napprezzaw biżżejjed dawn ir-relazzjonijiet. Ir-realtà tax-xogħol tal-pulizija mhijiex waħda faċli. Fost il-fatturi li jaffettwaw ir-relazzjonijiet tal-pulizija mal-familja u l-ħbieb, nistgħu nsemmu l-ħinijiet tax-xogħol. Is-sigħat differenti li jistgħu jwasslu għal tensjoni fid-dar minħabba li l-uffiċjali ta' spiss ikollhom diffikultajiet biex isibu ħin liberu u jqattgħu ħin mal-familja jew mal-ħbieb. Nistgħu nsemmu wkoll il-kunflitt li pulizija jista' jaffaċċja bejn ir-rwol tiegħu fuq il-post tax-xogħol għall-irwol tiegħu fil-ħajja personali u fil-familja.

Filwaqt li ħafna mill-istress li l-pulizija jesperjenzaw ma jistgħux jinbidlu, hemm affarijiet oħra li l-pulizija jistgħu jagħmlu biex itaffu l-impatt fuq il-ħajja personali u fuq ir-relazzjonijiet tagħhom. L-appoġġ mill-kollegi u l-importanza tal-komunikazzjoni jistgħu jgħinu biex ikun hemm żvilupp ta' relazzjonijiet aktar b'saħħithom fuq il-post tax-xogħol. Komunikazzjoni tajba hija għodda importanti biex jiffurmaw relazzjonijiet ta' kwalità. Li tkun kapaċi tisma', taqsam il-ħsibijiet u ssentimenti tiegħek b'sinċerità u tinkoraġġixxi persuni oħrajn f'ħajtek biex jagħmlu l-istess, huma kollha għodda li joħolqu rabta fost l-individwi.

Li jkun hemm sapport, ftehim, qbil u appoġġ mill-familja u ħbieb jista' jkun ta' vantaġġ kbir biex ittejjeb ir-relazzjonijiet. Minħabba n-natura stressanti tax-xogħol, huwa ta' benefiċċju li l-pulizija jsib spazju fejn ikun jista' jaqsam ħsibijietu ma' persuni importanti għalih u li jħossu mifhum.

Minkejja l-ħafna impenji u l-istil ta' ħajja mgħaġġla tagħna, għandna nagħtu prijorità lir-relazzjonijiet tagħna, sew dawk personali kif ukoll dawk professjonali. Ikun ta' għajnuna li tistaqsi lilek innifsek kemm qed tiddedika ħin biex tibni u żżomm ir-relazzjonijiet tiegħek. Dan jinkludi li, tillimita l-użu tat-teknoloġija tal-informatika u tal-mezzi soċjali waqt li tkun fil-kumpanija ta' persuna oħra u li tkun lest li taħfer u tiskuża ruħek meta jkun hemm bżonn.

Li tapprezza u tirrispetta lil dawk ta' madwarek jgħinek biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tiegħek permezz ta' sens ta' ħbiberija reċiproka. Ħu l-ħin biex issir taf lil dawk ta' madwarek u uri interess fil-ħajja tagħhom. Li ninvestu fir-relazzjonijiet tagħna jaffettwa l-kwalità ta' ħajjitna. Relazzjonijiet tajbin u sinjifikanti jagħtu sens ta' skop u ta' sodisfazzjon f'ħajjitna u jsarrfu l-ħin kif ukoll kull sforz tagħna.

Jekk qed tesperjenza diffikultajiet fir-relazzjonijiet tiegħek jew għaddej minn xi diffikultajiet oħra li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, is-sapport u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar. Għal iktar informazzjoni jew biex tagħmel appuntament kunfidenzjali, ikkuntattja lill-Employee Support Programme billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat e-mail f'dan l-indirizz esp.opm@gov.mt.

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mis-Surġent Johann Mifsud – Segretarju Eżekuttiv MPA

Peress li din hija l-ewwel darba li ser nikteb fuq dan il-magażin u m'ilnix ħafna fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-MPA ser nibda billi nintroduċi lili nnifsi. Jien Johann Mifsud Surġent tal-Pulizija, dħalt fil-Korp fl-1996 u għalhekk għandi 22 sena servizz. F'dawn is-snin li ilni fil-Korp ħdimt ġewwa t-Taqsima ta' Kontra d-Droga, il-Ħabs, l-għases ta' Ħal Qormi u l-Ħamrun u ġewwa l-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi.

F'Novembru tal-2017 peress li s-Segretarju ta' qabli, l-Ispettur Clayton Silvio wera x-xewqa li jkompli l-karriera tiegħu fil-Korp, irriżenja u għalhekk l-MPA għamlet sejħa għal segretarju ġdid. Wara li saru l-intervisti mal-applikanti ġejt magħżul għal din il-kariga li ilni nokkupa minn Diċembru tal-2017. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li wrew fija.

Minn Diċembru lil hawn ix-xogħol ma waqafx fosthom it-tiġdid tal-membri għas-sena 2018, laqgħat kontinwi mal-Kumitat Eżekuttiv, xogħol fuq ir-rapport finanzjarju, ilmenti mill-membri tagħna, laqgħat mal-ogħla awtoritajiet tal-Korp, diversi laqgħat rigward il-*mutual help fund* u laqgħat max-*shop stewards*.

Din is-sena kienet ferm impenjattiva kemm għalija personali kif ukoll għall-Kumitat Eżekuttiv peress li l-laqgħat mal-Gvern intensifikaw fuq is-*sectoral agreement*. Infakkru li s-sena l-oħra, ċioè fl-2017, l-MPA flimkien mal-POU ressqu l-proposti tagħhom rigward dak li jidhrilna li huwa xieraq għall-membri kollha tal-Korp. Kien f'April ta' din is-sena wara insistenza min-naħa tagħna li l-Gvern ippreżenta l-kontroproposti tiegħu. Wara li saret l-offerta min-naħa tal-Gvern, aħna flimkien mal-POU u esperti fil-materja ltqajna flimkien biex erġajna fformulajna, fejn aħna ma konniex qed naqblu u bgħatniehom lill-Ministeru tagħna biex jirrevedi jew naslu għal kompromess għal dawk l-affarijiet li aħna ma qbilniex magħhom. F'Mejju ta' din is-sena reġgħet saret laqgħa mal-Gvern fejn l-MPA, il-POU u l-esperti mqabbda minna spjegaw lill-Gvern il-kontroproposti tagħna u għaliex dawn għandhom jingħataw lill-membri tal-Korp.

Għalkemm kien hawn ħafna għidut u xnihat li ċertu affarijiet ġew aċċettati u oħrajn le, nista' niggarantilkom li l-Gvern għadu ma ċaħad jew ikkonferma xejn u għalhekk dak li qed jintqal mhux minnu. L-unika ħaġa li hi ċerta, għaliex din ġiet ikkonfermata kemm mill-Onorevoli Ministru Dr Michael Farrugia MD kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, hija li membru tal-Korp ser jibda jitħallas ta' 40 siegħa fil-ġimgħa u jekk ikun hemm membri li n-natura tas-servizz tistħoqq li jaħdmu iktar sigħat fil-ġimgħa dan jitħallas *overtime*. **Ta' min jagħmilha ċara li l-ebda unjin mhu ser tiffirma l-*agreement* qabel ma ddur fuq il-membri tagħha u ħa jkunu l-membri mħallsa li jivvotaw jekk dan għandux jiġi aċċettat jew le**.

Sfortunatament din is-sena kellna l-inċident makabru ta' kollega tagħna. Wara dan l-inċident l-unjins rappreżentanti tal-Korp u tal-pensjonanti ċioè l-MPA, il-POU u l-MARPO ltaqgħu u ġie deċiż li ssir mixja ta' solidarjetà mill-membri kollha tal-Korp fuq diversi affarijiet però l-aktar punt kruċjali ta' din il-mixja kienet il-vjolenza kontinwa fuq il-membri tal-Korp.

B'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li din il-mixja storika (peress li l-ewwel darba li saret) kienet waħda ta' suċċess u ta' dan jixhed in-numru kbir ta' nies li attendew għal din il-mixja.

Bħalma tafu wkoll din is-sena jintemm il-mandat tal-Kumitat Eżekuttiv u għalhekk fil-futur qarib ser tiġi msejħa l-elezzjoni għal kumitat il-ġdid għat-tliet snin li ġejjin. Inħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu l-Korp tal-Pulizija sabiex joħroġ għal din ir-responsabilità.

Qed insejħilha responsabilità peress li l-kumitat elett ikun qed iġorr il-piż ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija. Bħalma infurmajniekom aktar kmieni dis-sena l-mandat ġie estiż għal ftit xhur peress li għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Gvern rigw-ard is-*sectoral agreement* u għalhekk ħassejna li ma kienx ikun ekwu li nwaqqfu d-diskussjonijiet u ntawlu l-proċess.

Kif wieħed jista' jinnota, l-MPA qed tagħmel l-almu tagħha biex tibqa' qrib il-membri. Għalhekk minn dis-sena żidna l-kuntatt permezz ta' *email* kif ukoll qed jiġu aġġornati aktar spiss kemm il-*website* kif ukoll il-*facebook* page tagħna. Għal min forsi għadu ma jafx, il-website tagħna hi www.mpa.org.mt u www.facebook.com/maltapoliceassociation.

Min jixtieq jagħmel kuntatt magħna jista' jagħmel dan billi jċempel fuq in-numru 2123 2892 jew jibgħat email fuq exsec@mpa.org.mt.

http://www.mpa.org.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Bilanċ bejn il-ħin tax-xogħol u l-familja

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Fl-opinjoni tiegħi l-isbaħ parti tax-xogħol ta' trejdunjonista hija l-opportunità li tiltaqa' mal-ħaddiema u titkellem magħhom dwar dak li jkunu għaddejjin minnu. Kif kulħadd jaf, fil-preżent fil-Korp tal-Pulizija hawn ħafna opportunitajiet fejn wieħed jista' jagħmel l-*overtime*. Dan huwa tajjeb ħafna għal dawk li jkollhom xi *loans* sabiex b'hekk ikunu jistgħu jaqtgħu l-*loans* aktar malajr jew ikunu f'pożizzjoni aħjar biex igawdu dak il-qligħ addizzjonali mal-familja. Il-problema tqum meta tant jibda jsir *overtime* li ma jibqax ikollna ħin għall-familja bis-sogru li titkisser il-familja.

Dejjem għandek argumenti favur jew kontra fi kwalunkwe suġġett li wieħed jista' jiddiskuti u kulħadd iħares lejn is-sitwazzjoni mill-perspettiva tiegħu. Meta nitkellem ma' wħud minnkom jgħiduli li qatt daqs illum ma kellhom opportunità jaħdmu daqstant *overtime* u qed jieħdu l-okkażjoni li jagħmlu kemm jistgħu, iżda ma rridux ninsew li aħna wkoll umani u ngħaddu minn diffikultajiet u problemi familjari bħal kull ħaddiem ieħor fis-soċjetà. Id-diffikultajiet li wieħed jista' jkun għaddej minnhom mhux dejjem ikunu magħrufa, għalhekk irridu nsibu bilanċ biex nirrispettaw u nipproteġu lil dawk fostna li għal xi raġuni jew oħra mhux f'pożizzjoni jagħmlu *overtime*.

Mhux kulħadd jifhem lil dawn il-ħaddiema li ma jkunux f'pożizzjoni jagħmlu l-*overtime* u jkun hemm min iħares lejhom bħala ħaddiema għażżenin jew li mhux qed jagħtu l-kontribut mistenni minnhom. Sfortunatament ikun hemm ċirkostanzi fejn dawn il-ħaddiema jiġu ttimbrati ħażin mingħajr ma nkunu nafu d-dettalji kollha. Filwaqt li l-flus huma importanti sabiex ngħixu kwalità ta' ħajja aħjar, ma jibqgħux aktar daqstant importanti jekk niġu f'sitwazzjoni li biex ikollna l-flus inkissru r-relazzjoni tagħna mal-familja. X'jiswa li jkollok il-flus u ma jkollokx ma' min tgawdihom? In-natura tax-xogħol ta' Pulizija minnu nnifsu huwa stressanti u jkun hemm okkażjonijiet fejn irridu u ma rridux inġorru dan l-istress magħna d-dar. Konvint li kulħadd f'xi żmien jew ieħor għadda minn xi perjodu fejn ġarr miegħu problemi tax-xogħol id-dar, bil-konsegwenza li s-serenità li wieħed jistenna li jsib fil-familja tiġi mittiefsa.

L-att dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali huwa msaħħaħ b'diversi leġislazzjonijiet sussidjarji u fosthom wieħed isib regolamenti dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Dawn ir-regolamenti daħlu f'Malta f'April tas-sena 2004 u dan wara li l-Unjoni Ewropea fl-2003 implimentat il-*working time directive* għall-pajjiżi kollha msieħba fi ħdanha. Din id-direttiva ma daħlitx b'kapriċċ, iżda daħlet wara studju xjentifiku fit-tul li rriżulta li dawk il-ħaddiema li jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa huma suġġetti aktar li jkollhom stress, dipressjoni jew mard ieħor relatat mas-saħħa mentali. L-għan ta' din id-direttiva hi li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha madwar l-Unjoni Ewropea u t-48 siegħa xogħol fil-ġimgħa għandha tiġi kkalkulata fuq ċiklu li jiddependi mix-xift. Dan b'ebda mod ma jfisser li ħaddiem ma jistax jaħdem aktar minn 48 siegħa xogħol fil-ġimgħa, iżda dan għandu jsir bil-kunsens bil-miktub tal-ħaddiem kkonċernat u qatt m'għandha ssir vendikazzjoni b'xi mod ma' dawk li jagħżlu li ma jaqbżux it-48 siegħa xogħol.

Il-mistoqsija hi jekk il-Pulizija għandhomx dritt jirrifjutaw li jaħdmu aktar minn 48 siegħa xogħol. Fil-leġislazzjoni sussidjarja dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol hemm xi klawsoli li ma japplikawx għall-Pulizija, il-kumplament tal-Forzi Dixxiplinati u xi setturi oħra, iżda mhux eżenti dwar il-kwistjoni tat-48 siegħa xogħol fil-ġimgħa. Minn naħa l-oħra għandek l-att dwar il-Pulizija li jindika ċar li Pulizija għandu jkun meqjus Pulizija f'kull ħin u għandu jiġi assenjat lilu dmirijiet skont l-esiġenza tas-servizz. Hawn fejn fl-opinjoni tiegħi għandu jinstab il-bilanċ u jrid ikun hemm definizzjoni ċara ta' x'inhi l-esiġenza tas-servizz. Sakemm mhux se jkun hemm din id-definizzjoni, l-esiġenza tas-servizz se tibqa' suġġettiva u se jibqa' jkun hemm lok għal abbuż jew saħansitra nuqqas ta' ppjanar serju anke f'avvenimenti li nkunu nafu bihom minn ġimgħat u xhur qabel.

M'għandix dubju li l-amministrazzjoni preżenti, inkluż il-Kap Eżekuttiv għandhom l-istess għan tagħna li jħarsu u jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-membri tal-Korp.

Konvint li madwar il-mejda nistgħu nsibu l-aħjar soluzzjonijiet biex niggarantixxu dħul addizzjonali għal dawk li jixtiequ jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa, iżda fl-istess ħin nipproteġu lil dawk li għal raġuni jew oħra ma jixtiqux jaħdmu aktar minn 48 siegħa.

L-importanti li madwar il-mejda jkun hemm persuni li jħarsu lejn il-Pulizija bħala umani u mhux sempliċiment numri.

tvella@pou-gwu.org.mt

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Paġna għat-Tfal

Jack Vella
3 snin






21st June 2018

Dear Sir,

We, the pupils of Year 2B, St. Michael School Pembroke, would like to thank the Malta Police Dogs' Section for coming to our school.
Your dogs (which by the way we got to know hold the rank of sergeants) were awesome!
We really enjoyed watching their performance.
We really appreciated your presence during our school Pet Day event.

Year 2B




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Forka f'Malta u l-Istejjer madwarha

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Bħal f'kull pajjiż ieħor, hawn Malta kien hawn ukoll il-piena kapitali, fejn wara proċess ġudizzjarju għal ċertu reati bħalma kienu; l-omiċidji, serq bi vjolenza, ċertu reati magħmulin minn membri tal-Armata, kif ukoll it-tradiment lejn l-Istat, flok li kienet tingħata piena ta' ħabs, kienet tingħata l-piena kapitali, l-agħar kastig li wieħed seta' jingħata.

Il-forka hawn Malta oriġinat minn żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. L-eżekuzzjonijiet fil-bidu kienu jsiru fuq is-Saqqajja jew fejn kif sal-lum għadu magħruf bħala Pjazza Forok fir-Rabat. Post ieħor kien fit-tarf tal-Fortizza ta' Rikażli. Interessanti l-fatt illi l-isem ta' Rinella ġej minn 'annella' għall-ingassa, il-forma tal-ħolqa li kienet issir sabiex titpoġġa madwar għonq l-ikkundannat; fix-Xagħra tal-Furjana u fix-Xagħra tal-Fortizza ta' San Klement f'Bormla u f'xi postijiet oħra skont ma' kien jiġi deċiż. Fl-1813 il-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball kien ittrasferixxa l-Qorti Kapitanali minn fejn kien fl-Imdina, għall-Klistanija ġewwa l-Belt Valletta. B'hekk l-ikkundannati għat-tgħalliq bdew jiġu mdendla f'post magħruf bħala 'it-Tomba' fil-Furjana, fejn illum hemm il-Monument tal-Gwerra. L-akkużat kien jittieħed mill-ħabs li kien taħt il-Klistanija sal-Furjana f'forma ta' purċissjoni b'ħabel marbut m'għonqu u riekeb fuq karettun għaddej mit-toroq tal-Belt. Il-fratelli tar-Rużarjanti kienu jingħaqdu mal-ikkundannat mgħassa minn numru ta' suldati u pulizija li magħhom kien ikun hemm il-bojja. Dan kien ikun ħabsi volontier li biex kien jagħmel dan ix-xogħol kienet tinħafirlu l-piena tal-ħabs u jingħata ftit tal-flus għal kull eżekuzzjoni li jagħmel. Dan minħabba li setgħu jiġu eżekwiti aktar minn persuna waħda. Kien ikun imġiegħel ukoll iġorr matul it-triq il-ħabel li bih ikun ser jiġi mgħallaq l-ikkundannat.

Id-difna kienet issir f'ħofra. Dan kien isir għax l-iġġustizzjat mhux biss ma setax jindifen f'art sagra, imma kellu jindifen f'post mhux magħruf. Il-katavru tiegħu kien jittieħed u jitniżżel mir-Rużarjanti f'din il-ħofra li kienet titħaffer viċin il-forka. Wara kienet titgħatta bl-istess ħamrija u materjal li jkun ittella' mingħajr ma jsir l-ebda indikazzjoni ta' qabar. Dan id-dfin kien isir ġewwa Blata l-Bajda, fejn illum hemm il-Kappella tas-Soċjetà tal-Mużew. Hemmhekk kien sar tista' tgħid iċ-ċimiterju tal-imgħallqin.



Il-Fratellanza tar-Ruzarjanti għaddejin proċessjonalment jakkumpanjaw lill-ikkundannat, mill-ħabs fil-belt għal fuq il-forka fil-Furjana.

Fl-1860, għaxar snin wara l-bini tal-Ħabs ta' Kordin, il-forka bdiet issir quddiem il-bini tal-istess ħabs u mill-1876 id-difna ta' dawn l-iġġustizzjati bdiet issir fiċ-ċimiterju li kien inbena fl-istess ħabs ġdid ta' Kordin.

F'dawk iż-żminijiet l-awtoritajiet kienu jemmnu li l-piena kapitali kienet isservi wkoll ta' detriment tajjeb; għalhekk dehrilhom li kellha tkun pubblika. Minkejja li kienu jsiru b'mod makabru, in-nies xorta kienet tattendi bi ħġarha; fil-fatt kienu jiġu ordnati diversi pulizija u suldati għaż-żamma tal-bon ordni minħabba l-attendenza numeruża tan-nies. Għal ċertu nies dan kien jitqies bħala spettaklu. L-ewwel eżekuzzjoni li saret quddiem il-bini tal-ħabs ta' Kordin kienet dik ta'

Anġlu Farrugia ta' 54 sena, magħruf bħala 'il-krozz' li kien kriminal gwapp f'dawk iż-żminijiet. Dan kien ingħata dik il-kundanna għax kien qatel lill-kuntistabbli Serafin Zammit f'Ħal Għaxaq, nhar il-11 ta' April 1860.

### Il-każ tal-Kappillan u s-Sagristan ta' Ħ'Attard

Storja marbuta wkoll mal-istorja tal-forka f'Malta żvolġiet wara każ ta' suwiċidju misterjuż għal ftit taż-żmien, li kien wassal bniedem innoċenti fuq il-forka. Ikolli ngħid dan ma kienx xi każ iżolat fejn il-forka ħadnet magħha nies innoċenti jew ukoll għax forsi ma kienx jimmerita lilhom dak il-livell estrem ta' kastig.

Darba fost l-oħrajn wara nofsinhar l-Isqof Vincenzo Labini kien nieżel mill-Imdina bil-kaless u l-parilja fi triqtu lejn il-Belt. Xħin wasal fit-triq ftit 'il bogħod miċ-ċentru tal-parroċċa ta' Ħ'Attard lemaħ lill-Kappillan tar-raħal ma' xi bdiewa jitkellmu bilqiegħda għad-dell. L-Isqof waqqaf il-kaless u sejjaħ lill-Kappillan biex imur ħdejh. Kif resaq, Dun Pietru Delicata baxxa u sellem b'rasu lill-Isqof Labini li beda jgħajru u ġiegħlu jmur lura lejn il-knisja, għax hemm kien postu kien qallu u mhux jgħaddi ż-żmien f'postijiet oħra. Għal dan il-kliem kollu stmerrija, il-Kappillan kollu mistħi u miksur telaq jgħaġġel lejn il-knisja. Daħal ġewwa s-sagristija u minn ġo armarju ħa l-muftieħ tal-ġnien li kellu sewwasew biswit it-triq tal-knisja. Mar lejn il-ġnien, fetaħ u daħal. Mar lejn il-bir tal-ġnien li kien hemm f'rokna, qabad il-ħabel li kien hemm għas-satal u ddendel miegħu wara li tela' fuq il-ħorża tal-bir. Filgħaxija, meta sar il-ħin biex jingħad ir-rużarju u l-Kappillan jagħti l-barka, bħalma kien jagħmel is-soltu, hu baqa' ma deherx. Fittxewh kullimkien iżda baqa' ma nstabx. Is-Sagristan mar jiġri lejn il-ġnien biex jara jekk il-Kappillan setax kien qiegħed hemm; peress li ġieli mar hemm jgħid il-brevjar u xħin daħal, isibu mdendel mejjet jitbandal ħdejn il-bir. Is-Sagristan sintendi dak il-ħin tah bħal ferħ ta' ġenn u ġieh skruplu li jmur jgħid x'kien sab. Minflok fetaħ l-għatu tal-bir, qata' l-ħabel li miegħu kien mgħallaq il-Kappillan u tefgħu ġol-bir. Imbagħad reġa' għatta l-bokka kif kienet u telaq inkiss inkiss lejn il-knisja mingħajr ma qal xejn lil ħadd b'dak li kien sab. Il-Kappillan baqa' ma nstabx, iżda wara xi jumejn uħud mill-parruċċani qalu li kienu raw lis-Sagristan dieħel bil-moħbi fil-ġnien tal-Kappillan u wara ftit rawh ukoll ħiereġ donnu wieħed żgrublat u mitluf minn sensih. Wara li kienu għamlu tfittxija fil-ġnien sabu lill-Kappillan mejjet fil-bir. Sintendi kienu arrestaw lis-Sagristan u akkużawh bil-qtil tiegħu. Wara li nstemgħet il-kawża, (dak iż-żmien ma kienx għad hemm il-ġuri), qatgħuhielu għall-mewt u għalquh fl-inħawi tal-Knisja tal-Mirakli. Lill-Kappillan kienu difnuh fil-knisja parrokkjali fuq in-naħa tax-xellug, fil-kappellun u lis-Sagristan difnuh f'ħofra li kienu jħaffru qabel it-tgħalliq ħdejn fejn tkun saret il-forka.



Il-Forka ġewwa l-Ħabs ta' Kordin

Għadda ż-żmien u nkixfet l-istorja kollha. Iżda l-imsejken Sagristan kienu qatluh għalxejn, inġustament Dan is-Sagristan li m'għandniex l-isem proprju tiegħu kien baqa' sal-aħħar jgħid li kien innoċenti. L-awtoritajiet kienu baqgħu jisħqu wkoll, illi ladarba hu kien innoċenti, kellu jitkellem minn dak il-ħin stess meta sabu mdendel u mhux wara li kienu arrestawh. Qabel dendluh kienu staqsewh jekk kienx irid jgħid xi ħaġa lin-nies li kienu miġbura u b'leħen sod qalilhom, 'Jien innoċenti u nitlob 'l Alla l-ħanin, li jaf kollox biex jurikom l-innoċenza tiegħi…billi ara, għalkemm m'hawn ebda sħaba, huwa jxarrabkom sa ma tilħqu taslu fi djarkom.' U hekk kien ġara għax wara t-tneħħija tiegħu s-sema beda jsaħħab, għamlet ix-xita u xarrbet lil kulħadd. Wara din il-ġrajja n-nies tal-inħawi, kienu baqgħu jirrakkontawha minn ġenerazzjoni għal oħra. Wieħed irid jgħid ukoll li għalkemm dokumenti uffiċjali, s'issa, dwar din il-ġrajja baqgħu ma nstabux lanqas fl-arkivji tal-parroċċa; li wasal għandna huwa frott it-traduzzjoni orali u dak li kien inkiteb għall-ewwel darba ftit ta' żmien ilu. Ħaġa kurjuża wkoll huwa l-fatt li taħt ħoġor ta' tieqa ta' dar ċkejkna li kienet viċin din l-istess knisja kien hemm lapida bi skrizzjoni interessanti li tgħid, 'Min Jittarraf Jiġġarraf'

- kliem missirijietna li ta' min wieħed jaħseb sewwa dwaru. Min jaf forsi b'xi mod seta' kellu wkoll rabta ma' din il-ġrajja. Il-Kappillan Pietru Delicata serva bħala Kappillan f'Ħ'Attard għal madwar 23 sena, bejn l-1774 u l-1797.

## Il-każ ta' Ġużeppi Tabone



Il-Kummissarju Antonio Busuttil (1922 - 1923)

Ġużeppi Tabone kien baqa' jittama li sal-aħħar kienet ser tinbidillu s-sentenza tal-mewt. Sema' l-quddiesa u tqarben, daħal fratell mar-Rużarjanti u baqa' kalm qisu mhux hu. Iżda meta daħluh fil-kamra tal-forka u rabtulu jdejh u ġenbejh, ħass ruħu mitluf u għamel ftit tar-reżistenza wkoll. Intefa' mal-art, iżda qajmuh u rabtuh biex ikunu jistgħu jwassluh sa fuq il-forka. Kif kienu bih fuq il-forka, reġa' beda jagħmel reżistenza u qabad mal-ħabel tal-ingassa li kellhom jorbtulu ma' għonqu. Kif marru u qajmuh instema' jgħid u jitlob, 'Marija Santissima, eħlisni minn din il-mewt kerha'. Il-Kummissarju tal-Pulizija Antonio Busuttil (1922 – 1923) li kien preżenti waqt din l-eżekuzzjoni ta' Tabone, qed jara u jisma' bl-emozzjonijiet b'kollox; kif ukoll lin-nies tiegħu, donnhom qed ikaxkruh għal fuq il-forka ħassu ħażin u ftit taż-żmien wara kien miet kawża ta' puplesija ċelebrali, nhar is-6 ta' Awwissu 1923. Postu kien intela' temporanjament mid-Deputat Kummissarju Amadeo Inglott; li kien serva bħala Aġent Kummissarju sa ma kien laħaq is-suċċessur il-Maġġur Frank Stivala (1923 - 1928).

Il-każ ta' Ġużeppi Tabone ta' 25 sena magħruf bħala 'iż-Żiemel' mixli bil-qtil volontarju ta' Franġisku Galea 'il-Krekk' ġewwa d-dar tiegħu f'Kerċem, nhar it-12 ta' Diċembru tal-1922. Skont ma' ntqal fil-Qorti, il-mottiv ta' dan id-delitt seta' kien b'żewġ għanijiet; l-ewwel sabiex l-imputat ma jħallix lill-mejjet Franġisku Galea jkun jista' jbiddel id-dispożizzjonijiet tat-testment, li kien għamel tliet xhur qabel favur Marjanna, li kienet tiġi mart l-imputat Ġużeppi. Il-mejjet kien għadu kif ħallielha kollox b'wirt. Waqt li l-għan l-ieħor seta' kien ukoll li kienu mgħaġġla kemmxejn iżżejjed biex jirtu dak il-ġid. Għalhekk riedu jeliminawh senzaltru. B'verdett unanimu l-ġurati kienu sabu b'ħati lit-tifel Ġużeppi Tabone u lil missieru Antonio Tabone li kien ġie akkużat ukoll l-istess bħal ibnu fuq dan id-delitt, mhux ħati. Il-vittma kien jiġi z-ziju tal-ikkundannat.

Kien madwar ħamsa u sebgħin sena ilu, proprju fil-5 ta' Lulju tal-1943 li l-forka hawn f'dawn il-gżejjer kienet ħaddnet għall-aħħar darba ż-żewġ vittmi tagħha; l-aħwa Qriema Ġużeppi u Karmenu Zammit; wara li dawn kienu nstabu ħatja bil-qtil ta' Spiru Grech f'Ħal Farruġ, madwar sena qabel.

L-ewwel darba li tneħħiet il-piena kapitali kien minn fuq il-persuni ċivili, b'att fil-Parlament fl-1971. Kienet tħalliet biss għall-każijiet marbutin mal-liġijiet militari sal-1990. Waqt li bejn l-1990 u l-2000 permezz ta' emendi oħra, il-piena kapitali kienet reġgħet tħalliet biss għal dawk il-każijiet estremi; bħalma kienu d-deżerzjoni, tradiment tal-istat, tixwix eċċ, l-aktar waqt stat ta' emerġenza jew gwerra. Imbagħad b'att fil-Parlament, wara diversi seduti u diskussjonijiet fit-tul; kwotati wkoll konvenzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dinjità u d-drittijiet umani; f'Mejju tal-2002 il-piena kapitali tista' tgħid illi ġiet abolita għal kollox minn Malta wkoll.

Eżekuzzjonijiet fuq il-forka mill-1800 sa ma ġiet abolita, skont ir-*records* li għandna kienu wieħed u disgħin; bl-ewwel tnejn ukoll bħalma kienet spiċċat, b'suldat u baħri Ingliż f'Mejju tal-1801. Dawn ukoll kienu ġew eżekwiti flimkien wara li kienu ġew akkużati u kkundannati fuq deżerzjoni. Ħmistax minn tal-aħħar fil-lista li kienu ġew eżekwiti ġewwa l-ħabs ta' Kordin - l-ewwel wieħed Giuseppe D'Urso li nhar is-26 ta' Ottubru tal-1880, kien ġie mgħallaq fil-bitħa tal-ħabs. Tal-oħrajn kienu saru kollha ġewwa l-kamra tal-forka, li kienet inbniet apposta minħabba l-ilmenti tal-ħabsin. Ebda mara f'Malta ma ġiet iġġustizzjata billi ngħatat il-forka. L-uniku każ li nistgħu ngħidu dwarha u li ma jmurx bosta snin 'il bogħod, kien dak ta' Ġiġa Camilleri, li minn sentenza ta' mewt fil-bidu, inbidlitilha f'waħda ta' priġunerija.

joseph.q.borg@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Il-Marċ li ried isir

minn Dott Anthony Licari – Lettur Universitarju fil-Lingwistika u x-Xjenzi Umani, Interpretu u Traduttur bi speċjalizzazzjoni fil-Lingwa Franċiż.

Xi xhur ilu sar marċ li fih ipparteċipaw numru kbir ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, il-familji u l-ħbieb tagħhom bħala reazzjoni u solidarjetà ma' każi ta' vjolenza li matul iż-żmien affettwaw kemm lill-membri tal-Korp kif ukoll lis-soċjetà sħiħa. Qabel dan il-marċ, li jien attendejt ukoll, kont issuġġerejt li l-esperti kollha tal-Qorti li jaħdmu wkoll mal-Pulizija, għandhom jattendu. Dan għaliex għandhom iqisu ruħhom bħala kollegi kemm fit-tajjeb, kif ukoll fil-ħażin.

Ma nkunx korrett biżżejjed jekk ngħid: "Il-marċ li xtaq isir", jew "Il-marċ li kellu jsir". Dan għaliex, fl-ewwel każ, 'xtaq' tindika xi tip ta' emozzjoni. Fi-tieni każ, 'kellu' jindika xi tip ta' inevitabbiltà, ta' xi tip ta' appuntament mal-Istorja.

Jien ippreferejt ngħid 'ried' għal raġuni partikolari, għax spontanjament ħassejt li l-marċ tal-pulizija, bil-familji u l-ħbieb tagħhom, kellu personalità, kellu ċerta awtonomija. Ħassejt li nagħti personifikazzjoni lill-marċ għaliex kien espressjoni umana ta' ċerta rieda, ċerta determinazzjoni iżjed minn kull ħaġa oħra.

Ma kinitx xi tip ta' emozzjoni, xi tip ta' qilla li mbuttat lil dan il-marċ biex isir. Il-marċ twieled waħdu, iżda spontanjament u fl-istess ħin kollettivament, bħala riżultat ta' ċerti ċirkustanzi. Dawn ma ħolqux qilla imma determinizzjoni organizzata, dixxiplinata, kalma, imma b'ħeġġa li l-affarijiet riedu jinbidlu mhux sempliċement b'xewqa iżda b'loġika u bżonn.

Ma ninsewx li l-vjolenza kontra l-pulizija ilha ħafna teżisti. Iżjed minn qabel, il-pulizija tal-lum għandhom kapaċità ta' awtokontroll u jafu jżommu sitwazzjoni volatili milli tiżviluppa lil hinn minn sempliċement kommossjoni. Biex inkunu realistiċi, anki b'kapaċità ta' dedramatizzazzjoni (jew kontroll tal-emozzjoni) ta' sitwazzjonijiet volatili, il-pulizija ma jistgħux dejjem jikkalmaw kommossjoni splużiva. Wara kollox Kristu biss kien kapaċi jordna mewġ qawwi biex jikkalma!

**Vjolenza u films.** Għal żmien twil, kien hemm dibattitu bejn il-psikologi dwar l-effett tal-films vjolenti fuq il-ħajra għall-vjolenza ta' min jara ħafna films vjolenti. F'hiex kien jittratta dan id-dibattitu? Ġeneralment il-psikologi jemmnu ħafna fil-kundizzjonament, ċioè l-influwenza tal-avvenimenti ta' madwarna, inklużi viżivi bħall-films, fuq l-imġieba tagħna. Psikologi oħrajn qalu li l-kundizzjonament mhux dejjem jeżisti. Anzi qalu li jekk bniedem jara films vjolenti, jistriħ mill-vjolenza tiegħu u, per konsegwenza, jsir inqas vjolenti.

Jiddispjaċini li ma naqbilx li inti tista' tara ħafna vjolenza fil-films u ssir inqas vjolenti. Jien naħseb li din hi biss ħolma jew immaġinazzjoni. Il-fehma tiegħi hi bbażata fuq il-fatt li, jekk il-kundizzjonament jaħdem fis-sitwazzjonijiet kollha, allura b'eċċezzjoni tal-vjolenza? Ma ninsewx li teoriji ħalliema ta' ċerti psikologi jistgħu saħansitra jkun perikolużi. Pereżempju jistgħu jinfluwenzaw lil ċerti ġenituri jpoġġu lil uliedhom quddiem it-televiżjoni jaraw film vjolenti sabiex isiru iktar paċifiċi!

**Vjolenza u Ġustizzja**. Jiena għamilt numru ta' suġġerimenti lill-Ministeru tal-Ġustizzja li forsi jwasslu għat-tnaqqas tal-vjolenza fis-soċjetà. Fost dawn hemm dak tar-riedukazzjoni, ċioè li kundanna ta' ċertu żmien u/jew ċerta kwantità pekunjarja tiġi ridotta b'ċertu persentaġġ jekk il-persuna kkonċernata tattendi volontarjament numru ta' sigħat ta' riedukazzjoni minn għalliema, soċjoloġi u psikologi. Dan iwassal biex persuna tifhem l-iżball u taħdem biex tnaqqsu. Wara kollox mhux kull problema tista' tiġi riżolta, imma aktarx li kull problema tista' tiġi ridotta.

Dan is-suġġeriment jipparaguna ma' realtà anomala. Spiss persuna bla xogħol teħel mill-qrati multa u din titħallas mill-familja tagħha peress li, appuntu, l-persuna qiegħda jew bla xogħol, m'għandiex flus. Dan ifisser li mhux il-persuna tkun kastigata iżda l-familja tagħha. Niskanta kif din l-istramberija ilha żmien twil tiġi prattikata mill-qrati li m'għandhomx ikunu biss

esperti legali iżda esperti soċjo legali. M'hemmx ugwaljanza ta' fondi bejn in-nies. Iżda ugwalanza ta' ħin disponibbli u sens ta' volontà għat-titjib tal-karattru jistgħu jeżistu f'kulħadd. Naturalment il-volontà li wieħed jgħin lilu nnifsu għandha twassal ukoll għat-titjib fis-soċjetà li tkun qiegħda tgawdi mit-titjib tal-individwu. Naturalment ħadd ma jista' jgħid li hu faċli tikkritika imma ma tissuġġerix soluzzjonijiet. Hawn fuq stess jien issuġġerejt soluzzjoni waħda biss ta' riedukazzjoni. Min jaf fost il-qarrejja ta' dan il-magażin kemm hemm rikkezza ta' suġġerimenti oħra!

**Konvinzjoni konfliġġenti.** Tkellimt ftit ilu ma' persuna li qaltli: "Dak li ilu jeżisti ħafna żmien m'għandux jinbidel." Staqsejtu jaħsibx li kien allura ħażin li l-Pulizija naqqset l-użu tar-roti u żiedet l-użu tal-karrozzi; jekk il-qanpiena tar-rota kinitx aħjar mis-sirena tal-emerġenza! Fil-kamp legali l-koperazzjoni bejn it-tradizzjoni u l-psikosoċjali jġibu l-aħjar riżultati. Per eżempju l-idea tal-*ex officio*, għandi suspett qawwi, li oriġinat minn tradizzjonalisti legali (li ġieli jissejħu ġustizzieri) pjuttost introverti li jirrifjutaw kull kuntatt akkademiku bilaterali. Dan sar parti mill-istorja iżda mhux mill-iżvilupp. Saħansitra l-istess espressjoni "psikosoċjali" hi akkademikament bilaterali". Jiena pproponejt f'diversi kitbiet li l-*ex officio* trid illum tiġi ri eżaminata. L-argument prinċipali tiegħi hu li, fl-istat attwali tagħha, toħloq riżentiment kontra l-awtorità u eventwalment twassal għall-vjolenza ta' min żbalja, ikkoreġa ruħhu iżda ġie obbligat mill-liġi li ma jaħfirx. Bla dubju sitwazzjoni traġika!

**Il-Vjolenza bħala proċess.** Ħafna jaħsbu li l-vjolenza hi att fiżiku qasir. Xejn mhu aktar 'il bogħod minn hekk. Il-vjolenza għandha twelid, żvilupp u kull min hu fiżiku. It-twelid tal-attitudni vjolenti hu marbut mat-tfulija – anzi qabel it-tfulija. Il-karattru vjolenti jista' jkun ġenetiku, ċioè jintiret.

Madankollu l-edukazzjoni fit-tfulija tista' tikkumpensa ħafna għall-fattur ġenetiku. Meta l-għalliem jisħaq fuq il-bżonn tat-talenti ta' kulħadd għal soċjetà sana, jkun qed jgħallem l-antivjolenza u jippromwovi l-paċi. Meta l-għalliem ma jaċċettax il-fastidju fil-klassi kontra min għandu xi difett – tlaqlieq, *lisping* eċċ., jkun qed jippromwovi l-armonija soċjali u l-karità Kristjana.

**Xprunar medjatiku tal-vjolenza.** Jekk ġurnalist ikun emozzjonali, ma jkunx ġurnalist, peress li waqt li għandu d-dritt għall-opinjonijiet tiegħu, għandu wkoll irwol pedagoġiku, ċioè dak li jgħallem. L-aħjar mod kif tista' tgħallem hu billi tkun analitiku u oġġettiv. Ġieli rajna kitba kontra familja sħiħa sempliċement għax il-kittieb ma jaqbilx ma' persuna waħda membru ta' dik il-familja. Din hi kitba emottiva li xxewwex favur atteġġjamenti ostili u vjolenti. Ġieli rajna wkoll kitba kontra l-Korp tal-Pulizija minn persuni li jmisshom jafu aħjar, peress li ma jindunawx li l-kitba tagħhom tħeġġeġ il-vjolenza verbali, psikoloġika u soċjali. Naturalement allaħares tgħidilhom li jkunu qed ikebbsu l-vjolenza għax jieħdu għalihom.

**L-istorja Pożittiva.** Darba tkellimt ma' għalliem tal-Istorja b'esperjenza twila u semmejtlu l-fatt li l-kotba tal-Istorja aktarx li jagħmlu enfasi kbir fuq gwer-er, battalji u kunflitti oħra. Issuġġerejt li jista' jkun hemm elementi pożittivi ħafna fit-tagħlim tal-Istorja, ċioè l-iżvilupp tal-arti, tal-mediċina, tal-mużika, tal-altruwiżmu eċċ. L-għalliem tal-Istorja rrispondieni li fil-fatt diġà hemm tendenza li l-kotba tal-Istorja jinkludu dawn l-elementi pożittivi li juru kif, matul is-snin, il-bniedem kien kapaċi joħloq ukoll inizjattivi ta' ġid għalih, għas-soċjetà u għall-umanita kollha.

Bħala konklużjoni, wieħed jista' jara li problema soċjali ma fihiex aspett wieħed, u lanqas ma fiha soluzzjoni waħda. Ġeneralment il-kummentaturi fil-ġurnali jagħmlu ġeneralizzazzjonijiet (bl-Ingliż magħrufin bħala 'sweeping statements') bħallikieku jiskantaw kif is-soluzzjoni sempliċi u faċli tagħhom ħadd mhu qiegħed jinduna biha!

Dwar il-kontroll u t-tnaqqis tal-vjolenza, spiss jissuġġerixxu metodu wieħed biss, dak tal-persekuzzjoni tagħha u l-mili massiv tal-ħabsijiet. Imma, soċjetà żviluppata taf tuża diversi soluzzjonijiet minn esperti differenti fi ħdanha li flimkien, bħala tim, jaslu għal titjib iżjed effettiv u dejjiemi.

magazine.police@gov.mt

# International Police Association - Malta

## Arthur Troop Scholarship 2018 - PC Mark Camilleri

After several years as member of the IPA, I was the first member of the Malta Section who was given the International Arthur Troop Scholarship that enabled me to attend a professional training at Gimborn Castle in Cologne, Germany.

The course included techniques in baton drills, handcuffing and knife attacks. My journey started on April 2nd, 2018 followed by a training session the next day. From the very beginning the programme was extremely intensive.

The first day, began with an official opening and presenting of the agenda, by IBZ team. We were then introduced to various techniques and drills of how to use a baton. All participants were provided with the necessary equipment which included ASP batons, handcuffs, trifolds, technical light and training knives. The training consisted of a warming up session, so called daily dozen, the actual techniques presentation as well as combat and interview stances (pyramid stance). Among the techniques learnt, were the Seven Components of Power which are balance, endurance, flexibility, focus, speed, strength and simplicity.

On the second day we commenced with a facilitation and instructional skills session as well as the art of communication with reference to the potential subjects to be detained. This session covered various ways of preventing the subject from threatening the detaining officer and the general public. The day ended with sports activities and discussion of the programme.

The third day involved learning different types of techniques and drills on the use of handcuffs and torches. After the usual daily dozen, we were presented with handcuffing types such as chain, hinge, rigid and trifold. A 45 degree angle approach was also mentioned during this part of the course together with several demonstrations: linear and lateral flexibility which included movements of front to back and side to side chain cuffs; linear flexibility which stands for front to back, not side to side movements of hinge cuffs; rigidity where the instructor shows the lack of movements of rigid cuffs and flex frame technology, which contains bow dragging. In this particular part we were shown the importance of correct cuffing and reduction of injury, potentially from excessive lateral stress due to improper cuffing. All the participants had the opportunity to verify the above presented theory in practice. The skills achieved were as follows: angle of approach, presentation, grip, control the strong hand, check, cease to exist, redirect, cover, place and push, rock and lock, slide, lock, removal, pop, place and pull, standing, kneeling and prone position.

The afternoon session included flashlight drills such as proper wearing, placement of TLC on belt, third hand concept (traffic stop, interview and cuffing), dominance (wall of light, target and silhouette) and belted beam positioning. In the practical part, the participants gained several skills including presentation (ice pick grip), place and push and painting. Sports activities and discussions were the final part of the day, followed by dinner.

The fourth day started with an examination of the theoretical part, followed by two training sessions carried out by the participants themselves, which were assessed by the instructors. After the lunch break, we continued with knife defence and emergency techniques by the German Special Police Unit. Afterwards, we took part in lectures related to explosives. A trip to Cologne was next on the programme, which consisted of a visit to the city and its main attractions, the day ended with dinner in a traditional German restaurant. On the last day we covered scenarios of all the previously introduced and practised techniques and drills.

It was a five-day intensive training, full of theoretical and practical knowledge, which led me to become an ASP Instructor. Undoubtedly this will be an asset to my current career as a VIP Protection Officer.

Mark Camilleri
IPA Member MT-015

## VISITS FROM IPA COLLEGAUES TO POLICE H.Q.

On the 8th of May 2018 a Cruise liner, on its Port of Call brought to Police HQ an Ozzie colleague; Bill and his wife Anne Prior. Bill is a retired Police Officer from the South Australian Police Force and a member of the South Australian Police Historical Society. The visit at the Malta Police Museum and Crime Museum was of great interest. Bill found time to visit IPA office where he met with Joseph Mamo and discussed mutual IPA matters, not to mention the fine relations between both IPA Sections of Australia and Malta. The brief visit ended with the usual IPA exchange of police mementos and photo to mark the occasion of their visit.



Thanks to our fine cooperation with the Australia Section, we got a request for assistance from, Ray Strong an Associate Secretary Group 5 of IPA Australia Section. Ray asked us to assist Chief Inspector Winston Pisani from the Police Association of NSW Australia. Winston was on a combined trip with his family to Europe, including Greece and Malta. Winston is of Maltese origin who was born in Australia. During the brief visit at GHQ on the 4th of July 2018, Winston and his son Alex were shown by IPA member Joseph Mamo around our Police and Crime Museum as well as the Chapel and the photo exhibition display. Usual exchange of IPA mementos and occasion photo took place at the end of the visit.



Another visit occurred on the 1st August 2018 by a colleague from the French IPA Section. Natascha Riveriere represents Seine-Saint-Denis (93), near Paris and she visited Police HQ at Floriana together with her friend while on holiday in our island. Natasha was welcomed by Joseph Mamo and shown around our Police Museums and HQ and together we discussed mutual IPA affairs conceding the two Sections. Usual exchange of Police mementos took place together the with the IPA photo to mark the occasion.

ipamalta@gmail.com

---

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Il-Pulizija ta' Riserva

Nhar it-30 ta' Ġunju 2018 il-MARPO organizzat laqgħa għall-Pulizija ta' Riserva sabiex jiġu diskussi diversi suġġetti li jirrigwardjaw lilhom fuq il-post tax-xogħol.

Dan sar wara li ġejna infurmati li dawn il-Pulizija qed isibu lilhom infushom f'differenzi f'ċerti aspetti meta mqabbla mal-kollegi l-oħra, ċioè l-Pulizija li jaħdmu fuq bażi regolari.

Fost id-diversi punti mqajma tkellimna dwar id-dritt tal-Pulizija ta' Riserva li jissieħbu ma' Unjin tal-Pulizija, id-dritt li jikkontribwixxu fil-*Police General Fund* u l-benefiċċji marbutin miegħu u kif jistgħu jkunu effettwati fil-pensjoni u punti oħra. Dwar dawn il-punti għamilna kuntatt kemm mal-POU kif ukoll mal-MPA.

L-MPA tawna l-opinjoni tagħhom li fil-maġġoranza huma pożittivi u oħrajn ta' min jiddiskutihom mal-Amministrazzjoni. Min-naħa tal-POU għadna qed nistennew risposta.

Filwaqt li nemmnu li t-tweġibiet għal dan kollu jkunu ta' sodisfazzjon għal kulħadd nistqarru li l-maġġoranza tal-Pulizija ta' Riserva kif iddikjaraw magħna, huma lesti li jikkontribwixxu fil-*Police General Fund* u b'hekk ikunu f'livell mal-kollegi l-oħra. Għal dan kollu jkun jinħtieġ li jiġi emendat il-kuntratt kif ukoll ir-regolamenti li jirregolaw lill-Pulizija.

Fit-22 ta' Lulju tlabna laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiġu diskussi dawn id-differenzi, liema laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 30 t'Awwissu.

## Ċerimonja fuq l-Oqbra tal-Pulizija

Il-Ħadd 8 ta' Lulju 2018, uffiċjali tal-Assoċjazzjoni attendew il-quddiesa għal ruħ il-membri mejta tal-Korp. Din il-quddiesa saret fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.



Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-oqbra, fejn wara tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-MARPO.

## Miżata

Kull min għadu ma ħallasx il-miżata ta' €5 ta' din is-sena huwa ġentilment mitlub li jaġġorna ruħu. Dan jista' jsir billi jibgħat ċekk pagabbli lill-MARPO u jimpustah f'dan l-indirizz: **M.A.R.P.O., P.O. Box 36, Birkirkara**
Il-membri Għawdxin jistgħu jħallsu ġewwa l-uffiċċju tal-għassa fir-Rabat, Għawdex.

## Korrispondenza

Għal kull korrispondenza tistgħu tibagħtu fuq l-indirizz elettroniku 2011marpo@gmail.com

***Facebook:***

Tistgħu ssibuna wkoll fuq dan is-sit tal-Facebook - www.facebook.com/groups/169033156537654



## Mill–Imgħoddi

Ritratt meħud fis-sena 1955 meta ġie inawgurat il-monument tal-Vittmi Ċivili tat-Tieni Gwerra, ġewwa ċ-ċimiterju tal-Addolorata. Fir-ritratt wieħed jista' jara lill-Prim Ministru Dom. Mintoff, l-Arċisqof Gonzi, u membri oħra tal-Gvern. Wieħed mill-Pulizija li jidher għassa mal-monument, huwa l-membru tal-MARPO, l-eks Surġent Maġġur 963 Ġiġi Muscat, li għoġbu jislifni dan ir-ritratt.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**



Ex PC 911 Stephen Cassar
1933 - 2018
1956 - 1981
(Gozo)



Ex Ps 1030 Saviour Camilleri
1938 – 2018
1957 - 1978



Ex PC 1020 Anthony Galea
1934 - 2018
1957 - 1974



Ex PC 581 & 805 Bernard Buttigieg
1934 - 2018
1954 - 1980 & 1987 - 1995



Ex. Insp. Saviour Gatt
1939 - 2018
1955 - 1977



Ex PC 732 Joseph Aquilina
1950 - 2018
1968 - 2011



Ex Pc 959 Joseph Cordina
1934 - 2018
1955 - 1982
(Gozo)



Ex PC 844 & 842 Joseph Buttigieg
1937– 2018
1953 - 1979 & 1987 - 1995
(Gozo)



Ex PC 1023 Edward Cachia
1939 - 2008
1957 - 1980



Ex PS 995 Joseph Gerada
1934 -2018
1954 - 1979



Ex PC 38 Costantino Vella
1945 - 2018
1965 - 1980

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK